KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TRSTENJAK
ippreżentati fit-3 ta' Frar 2009 [1]

Werrej

I — Introduzzjoni . . . . . I - 6359

II — Il-kuntest ġuridiku . . . . . I - 6359

A — Id-dritt Komunitarju . . . . . I - 6359

B — Id-dritt nazzjonali . . . . . I - 6362

III — Il-fatti u l-proċedura fil-kawża prinċipali . . . . . I - 6364

IV — Id-domandi preliminari . . . . . I - 6365

V — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja . . . . . I - 6365

VI — L-argumenti prinċipali tal-partijiet . . . . . I - 6366

A — Fuq l-ewwel domanda . . . . . I - 6366

B — Fuq it-tieni domanda . . . . . I - 6367

VII — Evalwazzjoni ġuridika . . . . . I - 6370

A — Fuq l-ewwel domanda . . . . . I - 6370

1. L-aspetti ta' politika ambjentali tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 . . . . I - 6371

a) Ir-relazzjonijiet bejn agrikoltura u ħarsien tal-ambjent fi ħdan il-PAK I - 6371

b) L-importanza tal-ħarsien tal-ambjent fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 . . . . . I - 6372

c) Il-bażijiet legali tad-dritt primarju . . . . . I - 6374

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2. Il-kompetenzi tal-Istati Membri biex jiddefinixxu r-rekwiżiti minimi . . . . I - 6374

a) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 bħala bażi ta' awtorizzazzjoni . . . I - 6374

b) L-implementazzjoni konkreta tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 fl-Ingilterra . . . . . I - 6376

i) Il-kunċett ta' "pajsaġġ" fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 I - 6376

ii) Il-kunċett ta' pajsaġġ fis-sens deskrittiv . . . . . I - 6377

iii) Il-kunċett ta' pajsaġġ fis-sens ġeografiku . . . . . I - 6377

— Karatteristiċi topografiċi . . . . . I - 6377

— Definizzjoni tal-kunċett ta' pajsaġġ fis-sens ġeografiku . . . . . I - 6378

c) Miżura intiża biex "jinżammu l-karatteristiċi tal-pajsaġġ" . . . . . I - 6379

d) Iż-żamma ta' mogħdijiet pubbliċi: miżura ta' "manteniment [manutenzjoni]" u intiża biex "[jiġi] evita[t i]t-taħsir ta' l-ambjenti naturali" fis-sens tal-Anness IV tar-Regolament Nru 1782/2003 . . . . . I - 6379

3. Konklużjonijiet . . . . . I - 6381

B — Fuq it-tieni domanda . . . . . I - 6382

1. L-implementazzjoni diċentralizzata tad-dritt Komunitarju . . . . . I - 6382

a) Implementazzjoni diċentralizzata u divrenzjata fil-kuntest tal-PAK . . . I - 6383

b) L-awtonomija tal-Istati Membri fil-qsim tal-kompetenzi interni . . . . I - 6384

2. L-ilment ta' ksur tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni . . . . . I - 6386

a) Il-kuntest ta' riferiment rilevanti għall-evalwazzjoni ta' trattament mhux ugwali . . . . . I - 6387

i) Applikazzjoni tal-kriterji ta' selettività fid-dritt tal-għajnuna . . . . . I - 6387

ii) Identifikazzjoni ta' sors ta' diskriminazzjoni . . . . . I - 6389

b) Konklużjonijiet . . . . . I - 6391

VIII — Konklużjoni . . . . . I - 6392

I — Introduzzjoni

1. F'din it-talba għal deċiżjoni preliminari, il-High Court of justice (England & Wales) (iktar 'il quddiem: il-qorti tar-rinviju) irrinvjat lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej żewġ domandi preliminari li jirrigwardaw l-implementazzjoni fil-livell nazzjonali tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa [2].

2. L-ewwel domanda preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(1) u tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk Stat Membru jistax jinkludi fost il-kriterji tal-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba ddefiniti f'dan ir-regolament rekwiżiti marbuta mal-manutenzjoni ta' mogħdijiet li fir-rigward tagħhom hemm servitujiet ta' dritt ta' passaġġ pubbliku. Fit-tieni domanda preliminari, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk għandux jitqies li hemm diskriminazzjoni inaċċettabbli fil-fatt li l-kriterji tal-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba fis-sens tal-Artikolu 5(1) u tal-Anness IV tar-Regolament Nru 1782/2003 ivarjaw skont ir-reġjuni ta' Stat Membru, peress li r-regoli kostituzzjonali nazzjonali jipprovdu li diversi awtoritajiet diċentralizzati għandhom kompetenzi leġiżlattivi għad-diversi reġjuni tal-Istat Membru.

3. Dan ir-rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja sar fil-kuntest ta' kawża bejn M. Horvath (iktar 'il quddiem: ir-rikorrent) u s-Secretary of State for Environment, Food and rural affairs (Ministeru għall-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali, iktar 'il quddiem il-konvenut), li tirrigwarda l-legalità ta' regoli nazzjonali ta' implementazzjoni li jistabbilixxu, għat-territorju tal-Ingilterra, ir-rekwiżiti minimi għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba tal-artijiet agrikoli.

II — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-dritt Komunitarju*

4. Fid-29 ta' Settembru 2003, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1782/2003, li daħal fis-seħħ fit-28 ta' Ottubru 2003.

2 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KEE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001.

5. L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li joħloq skema ta' appoġġ għad-dħul favur is-sidien ta' azjendi agrikoli fil-forma ta' pagament uniku (iktar 'il quddiem: l-iskema ta' pagament uniku). Din il-leġiżlazzjoni għandha tiggarantixxi lill-operaturi agrikoli dħul minimu "separat" mill-produzzjoni billi tagħtihom "drittijiet" li jippermettulhom jitolbu pagamenti diretti annwali. Il-kundizzjoni għall-ksib ta' dawn il-pagamenti diretti fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni — jekk dawn jintalbu mill-operatur — hi li jiġu mħarsa l-hekk imsejħa regoli ta' "cross compliance" (Artikolu 3).

6. Il-cross compliance tikkonsisti f'żewġ elementi: il-"Kondizzjonijiet [Rekwiżiti] amministrattivi statutarji" (Artikolu 4) u l-"Kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba" (Artikolu 5).

7. L-Artikolu 5(1) tar-Regolament jgħid hekk:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-art agrikola kollha, speċjalment art li m'għadhiex tintuża għall-skopijiet ta' produzzjoni, tinżamm f'kondizzjoni agrikola and [u] ambjentali tajba. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu, fuq livell nazzjonali jew reġjonali, ir-rekwiżiti minimi għall-kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba fuq il-bażi tal-qafas stabbilit fl-Anness IV, wara li jittieħed kont tal-karatteristiċi speċifiċi taż-żoni konċernati, inklużi l-kondizzjonijiet tal-ħamrija u klimatiċi, sistemi tal-biedja eżistenti, użu ta' l-art, newba ta' l-uċuh tar-raba', prattiċi tal-biedja, u strutturi ta' l-irziezet. Dan hu mingħajr preġudizzju għall-'istandards' li jirregolaw il-prattiċi agrikoli tajba kif applikati fil-kuntest tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 u tal-miżuri agri-ambjentali applikati 'il fuq mil-livell ta' referenza ta' prattiċi agrikoli tajba."

8. L-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jgħid li jekk id-diversi kundizzjonijiet ma jkunux osservati, l-ammont totali ta' pagamenti diretti li għandhom jingħataw fis-sena kalendarja inkwistjoni għandhom jitnaqqsu jew jiġu kkanċellati.

9. L-Anness IV tar-regolament jipprovdi skont kif ġej:

Il-kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba msemmija fl-Artikolu 5

Suġġett	Standards
Taħfir tal-ħamrija: Protezzjoni tal-ħamrija permezz ta' miżuri xierqa	— Għata minima ta' ħamrija — Amministrazzjoni minima tal-art li tirrifletti kondizzjonijiet speċifiċi tas-siti — Żamma ta' għelieqi mtarrġin
Materja organika tal-ħamrija: Manteniment [Manutenzjoni] tal-livelli tal-materja organika tal-ħamrija permezz ta' prattiċi xierqa	— Standards għan-newba tal-uċuh tar-raba' fejn applikabbli — Amministrazzjoni ta' art qasbija li tinħarat
Struttura tal-ħamrija: Manteniment [Manutenzjoni] tal-istruttura tal-ħamrija permezz ta' miżuri xierqa	— Użu xieraq tal-makkinarju
Livell minimu ta' manteniment [manutenzjoni]: Żgura livell minimu ta' manteniment [manutenzjoni]: u evita t-taħsir tal-ambjenti naturali	— Rati minimi ta' stocking ta' bhejjem jew/u reġimi xierqa — Protezzjoni tal-mergħa permanenti — Żamma tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ — Evita t-tnaqqir ta' art agrikola mill-veġetazzjoni mhux mixtieqa

B — *Id-dritt nazzjonali*

10. Fl-1998, il-Parlament tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq adotta leġiżlazzjoni li tipprevedi "devoluzzjoni" ta' kompetenzi lil Wales, l-Irlanda ta' Fuq u l-Iskozja. Fl-oqsma kkonċernati minn din id-diċentralizzazzjoni, il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq bħala regola ġenerali jintervjeni biss fir-rigward tal-Ingilterra.

11. Ir-reġim legali tar-relazzjonijiet bejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-awtoritajiet reġjonali huwa kkompletat minn "Devolution Memorandum of Understanding", li huwa intiż biex jippreċiża l-modalitajiet ta' dawn ir-relazzjonijiet fil-forma ta' dikjarazzjoni ta' intenzjoni politika. Skont il-leġiżlazzjoni dwar id-devoluzzjoni u l-"Memorandum of Understanding", huma l-awtoritajiet reġjonali li għandhom jimplementaw, fl-isfera ta' kompetenza tagħhom, l-obbligi li jirriżultaw mid-dritt Komunitarju. Il-leġiżlazzjoni dwar id-devoluzzjoni tagħti lill-ministri tar-Renju Unit setgħa residwali li tippermettilhom jintervjenu meta dan ikun meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-osservanza ta' dawn l-obbligi. Skont il-leġiżlazzjoni dwar id-devoluzzjoni, l-awtoritajiet reġjonali ma jistgħux jaġixxu jew jilleġiżlaw b'mod li jmur kontra d-dritt Komunitarju. L-awtoritajiet reġjonali huma direttament responsabbli permezz tal-qrati nazzjonali, taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-Gvern tar-Renju Unit, għan-nuqqasijiet tagħhom fl-implementazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dritt Komunitarju.

12. Fil-prinċipju, il-politika agrikola komuni b'mod ġenerali u l-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill b'mod partikolari huma parti mill-oqsma kkonċernati mid-devoluzzjoni u b'hekk jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' kull waħda mill-awtoritajiet reġjonali. Huwa għalhekk li, bil-għan li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, il-konvenut (li jaġixxi biss għall-Ingilterra) u kull waħda mill-awtoritajiet reġjonali adottaw ir-regoli ta' implementazzjoni tagħhom stess li jiddefinixxu, għal dak li jirrigwarda l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, rekwiżiti minimi li huma parzjalment differenti.

13. Fil-każ tal-Ingilterra, ir-regoli ta' implementazzjoni rilevanti huma l-Common Agricultural Policy Single Payment and Support Schemes (Cross Compliance) (England) Regulations 2004, SI 2004/3196 (Regoli tal-2004 dwar il-programmi ta' għajnuna u ta' ħlas uniku fi ħdan il-politika agrikola komuni [cross compliance] [l-Ingilterra]) (iktar 'il quddiem ir-Regoli ta' implementazzjoni Ingliżi), li daħlu fis-seħħ fl-Ingilterra fl-1 ta' Jannar 2005.

14. Fil-punti 26 sa 29 tar-Regoli ta' implementazzjoni Ingliżi, il-konvenut inkluda fil-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba rekwiżiti dwar il-manutenzjoni ta' mogħdijiet li fir-rigward tagħhom hemm servitujiet ta' dritt

ta' passaġġ pubbliku. Dawn ir-rekwiżiti huma b'mod partikolari dawn li ġejjin:

"26. Bidwi m'għandux

a) mingħajr awtorizzazzjoni jew ġustifikazzjoni legali, iħarbat il-wiċċ ta' mogħdija għall-mixi viżibbli, mogħdija għaż-żwiemel viżibbli, jew kwalunkwe passaġġ pubbliku viżibbli ieħor li jinkludi jew jikkonsisti fi triq għajr triq żviluppata, b'tali mod li jiġi ostakolat l-eżerċitar taldritt ta' passaġġ pubbliku; jew

b) mingħajr awtorizzazzjoni jew ġustifikazzjoni legali, jostakola volontarjament il-moviment liberu fuq passaġġ pubbliku viżibbli.

27. Il-bidwi huwa obbligat li jżomm kull taraġ, xatba jew struttura simili mhux imsemmija fl-Artikolu 146(5) tal-Highways Act [Liġi dwar il-passaġġi pubbliċi] 1980 li jkunu jinsabu f'mogħdija għall-mixi viżibbli jew f'mogħdija għaż-żwiemel viżibbli fi stat li jippermetti li jiġi evitat kwalunkwe ostaklu mhux raġonevoli għad-drittijiet tal-persuni li jużaw dik il-mogħdija għall-mixi jew dik il-mogħdija għaż-żwiemel.

28 1) Meta bidwi jkun ħarbat il-wiċċ ta' mogħdija għall-mixi viżibbli jew ta' mogħdija għaż-żwiemel viżibbli (bleċċezzjoni ta' mogħdijiet max-xifer ta' għalqa) fil-każijiet awtorizzati fl-Artikolu 134 tal-Highways Act 1980, huwa obbligat, li fiż-żmien previst fl-Artikolu 134(7) tal-istess Att, li eventwalment jista' jiġi estiż skont l-Artikolu 134(8):

a) jerġa' jirranġa l-wiċċ tal-mogħdija għall-mixi viżibbli jew talmogħdija għaż-żwiemel viżibbli f'wisa' li jkun ta' mill-inqas ugwali għall-wisa' minimu tagħha b'tali mod li jkun jista' jiġi eżerċitat il-jedd ta' mogħdija taħt kundizzjonijiet raġonevoli

b) jiddelimita l-mogħdija għallmixi jew il-mogħdija għażżwiemel fuq l-art f'wisa' li jkun ta' mill-inqas ugwali għall-wisa' minimu tagħha sabiex tkun tista' tingħaraf mill-persuni li jkunu jixtiequ jużawha

(2) Il-kliem "wisa' minimu", fir-rigward ta' passaġġ pubbliku għandhom l-istess tifsira bħal fl-Iskeda 12A tal-Highways Act 1980

29. Fil-paragrafi 26, 27 u 28 ta' din l-Iskeda, il-kliem:

"mogħdija għaż-żwiemel", "triq", "mogħdija max-xifer ta' għalqa", "mogħdija għall-mixi" u "triq żviluppata" għandhom it-tifsiriet indikati fl-Artikolu 329(1) tal-Highways Act 1980; "passaġġ pubbliku" għandu t-tifsira indikata fl-Artikolu 328 tal-Highways Act 1980 u "viżibbli" tfisser identifikabbli bħala passaġġ minn persuna b'vista normali li tużah bil-mixi jew biż-żiemel".

previsti. L-ostakolar għall-mogħdija libera fuq passaġġ pubbliku huwa offiża taħt l-Artikolu 137. L-Artikolu 146(1) jobbliga lil sid l-art iżomm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni kull taraġ, xatba jew struttura simili. Il-paragrafi 26 sa 28 b'hekk jirriflettu ħafna d-dispożizzjonijiet tal-Liġi tal-1980 iżda biss f'dak li jirrigwarda s-servitujiet ta' jedd ta' mogħdija viżibbli."

III — Il-fatti u l-proċedura fil-kawża prinċipali

15. L-awtoritajiet reġjonali ma adottawx regoli ta' implementazzjoni ekwivalenti għall-punti 26 sa 29 tar-regoli Ingliżi.

17. Ir-rikorrent huwa bidwi, u sieħeb ġestjonarju ta'ażjenda agrikola familjari fil-kontea ta' Suffolk (l-Ingilterra). Huwa għandu drittijiet għal pagament taħt l-iskema ta' pagament uniku. L-artijiet tiegħu huma suġġetti għal servitujiet ta' dritt ta' passaġġ pubbliku skont id-dispożizzjonijiet Ingliżi rilevanti.

16. Il-qorti tar-rinviju ssintesizzat b'dan il-mod il-konsegwenzi ġuridiċi tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Highway Act 1980:

"It-tħarbit tal-wiċċ ta' mogħdija għall-mixi viżibbli, ta' mogħdija għaż-żwiemel viżibbli, jew ta' kwalunkwe passaġġ pubbliku viżibbli ieħor li jkun jikkonsisti fi jew jinkludi triq għajr triq żviluppata jikkostitwixxi ksur skont l-Artikolu 131 A. L-Artikolu 134 jawtorizza l-ħrit ta' mogħdijiet għall-mixi jew ta' mogħdijiet għaż-żwiemel ħlief il-mogħdijiet max-xifer tal-għelieqi iżda jippenalizza l-fatt li dawn ma jerġgħux jittranġaw fit-termini

18. Ir-rikorrent talab lill-qorti tar-rinviju tivverifika l-legalità tal-punti 26 sa 29 tar-regoli ta' implementazzjoni Ingliżi. Huwa jargumenta li l-inklużjoni ta' rekwiżiti dwar il-manutenzjoni ta' mogħdijiet li fir-rigward tagħhom hemm servitujiet ta' dritt ta' passaġġ pubbliku tmur kontra d-dritt Komunitarju. Huwa jirrimarka, minn naħa, li l-mogħdijiet pubbliċi mhumiex artijiet agrikoli, u minn-naħa l-oħra, li r-regoli ta' implementazzjoni Ingliżi jmorru kontra l-prinċipju ta' ugwaljanza tad-dritt Komunitarju għaliex l-awtoritajiet reġjonali ma adottawx regoli ta' implementazzjoni ekwivalenti.

19. F'dan il-kuntest, skont l-Artikolu 234 KE, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tirrinvija lill-Qorti tal-Ġustizzja talba għal interpretazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Il-konvenut appella minn din id-deċiżjoni iżda l-Court of Appeal ċaħdet l-appell tiegħu.

IV — Id-domandi preliminari

20. B'digriet tal-11 ta' Lulju 2007, il-Court of Appeal irrinvjat lill-Qorti tal-Ġustizzja s-segwenti domandi preliminari tal-High Court:

"Meta Stat Membru jħaddan sistema ta' devoluzzjoni tal-kompetenzi lill-awtoritajiet reġjonali, u li fiha l-Gvern ċentrali għandu l-poter li jaġixxi għat-territorju kollu tal-Istat Membru sabiex jassigura l-eżekuzzjoni tal-obbligi tiegħu skont id-dritt Komunitarju, u fil-kuntest tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KEE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ir-"Regolament tal-Kunsill"):

a) Stat Membru jista' jinkludi rekwiżiti marbuta mal-manutenzjoni ta' servitujiet ta' dritt ta' passaġġ pubbliku viżibbli fost il-kriterji tal-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba ddefiniti mill-Artikolu 5 u mill-Anness IV tar-Regolament tal-Kunsill 1782/2003?

b) Meta s-sistema kostituzzjonali ta' Stat Membru tipprovdi li l-awtoritajiet reġjonali għandhom kompetenza leġiżlattiva fir-rigward ta' partijiet differenti ta' dan l-Istat Membru, il-fatt li dawn il-partijiet differenti jkollhom standards differenti għal dak li jirrigwarda l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba skont l-Artikolu 5 u l-Anness IV tar-Regolament tal-Kunsill jista' jimplika diskriminazzjoni mhux aċċettabbli?"

V — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

21. Id-digriet tar-rinviju wasal fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Settembru 2007.

22. Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali, il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja kif ukoll il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub fit-terminu preskritt fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

23. Fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2008, ir-rappreżentanti tar-rikorrent fil-kawża prinċipali, tal-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tal-Irlanda kif ukoll tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dehru u ppreżentaw osservazzjonijiet.

VI — L-argumenti prinċipali tal-partijiet

A — *Fuq l-ewwel domanda*

24. Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali jikkunsidra li l-obbligu ta' manutenzjoni tal-mogħdijiet li fir-rigward tagħhom hemm servitujiet ta' dritt ta' passaġġ pubbliku stabbilit mir-regoli ta' implementazzjoni Ingliżi ma jagħmilx parti mir-rekwiżiti minimi għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba li Stat Membru għandu d-dritt li jiddefinixxi skont l-Artikolu 5(1) u l-Anness IV tar-Regolament Nru 1782/2003. Dawn ir-rekwiżiti jinkludu ż-żamma tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ, l-istrutturi tal-azjendi agrikoli kif ukoll il-preżervazzjoni tal-ambjenti naturali. Ir-rikorrent barra minn hekk jargumenta li l-Artikolu 43 tar-Regolament Nru 1782/2003 jeskludi espressament il-mogħdijiet li jkunu jinsabu fuq artijiet agrikoli meta dawn jintużaw bħala żoni għall-għalf u minn dan jikkonkludi li s-servitujiet ta' jedd ta' mogħdija ma jistgħux jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament inkwantu dawn jirrigwardaw il-mogħdijiet. Dan minbarra l-fatt li r-Regolament Nru 1782/2003 jistabbilixxi regoli komuni għall-Komunità li jipprojbixxu lill-Istati Membri kemm li jinjoraw ir-rekwiżiti minimi kif ukoll li jestenduhom għal ċerti partijiet tat-territorju tagħhom.

25. Għalkemm id-dispożizzjonijiet Ingliżi inkwistjoni għandhom jitqiesu bħala miżuri għall-ħarsien tal-ambjent, dawn ma jikkostitwixxux, skont ir-rikorrent, rekwiżiti minimi għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba. Peress li r-Regolament Nru 1782/2003 huwa msejjes fuq id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-agrikoltura, l-aspett ta' ħarsien tal-ambjent f'dawn ir-rekwiżiti minimi ma jistax jitqies bħala regola li tikkonsisti fi kriterji awtonomi ta' ħarsien tal-ambjent. Ir-rikorrent josserva li, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1782/2003, l-istituzzjonijiet Komunitarji biss għandhom is-setgħa li jimponu rekwiżiti minimi fil-qasam tal-ambjent.

26. Il-G*vern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq* jikkunsidra li l-ewwel domanda għandha tingħata risposta negattiva. Huwa jirreferi għall-oriġini tar-Regolament Nru 1782/2003 u b'mod partikolari għall-inklużjoni espressa fid-dispożizzjonijiet tiegħu, b'mod partikolari fl-Artikolu 5, ta' kwistjonijiet ta' ħarsien tal-ambjent.

27. Il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq jargumenta li ż-żamma tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ imsemmija fl-Anness IV tinkludi l-manutenzjoni talmogħdijiet li fir-rigward tagħhom hemm servitujiet ta' dritt ta' passaġġ pubbliku. Jeħtieġ li dan il-kunċett jiġi interpretat b'mod wiesa' peress li l-"pajsaġġ", fil-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Komunità, jinkludi *inter alia* karatteristiċi li jirriżultaw minn interventi tal-bniedem kif ukoll elementi ta' importanza storika, kulturali u arkeoloġika. B'hekk huwa rikonoxxut li l-pajsaġġ huwa komponent essenzjali tal-ambjent. Għaldaqstant, filfehma tiegħu, l-għanijiet ambjentali tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1782/2003 jiġu ppreġudikati jekk il-kunċett ta' karatteristiċi tal-pajsaġġ jiġi interpretat b'mod restrittiv billi jiġi kkunsidrat li s-servitujiet ta' jedd ta' mogħdija fuq il-mogħdijiet għall-mixi u l-mogħdijiet għaż-żwiemel huma esklużi. Barra minn hekk, dawn l-"istandards" huma, skont l-Anness IV, marbuta mas-"suġġett" "Żgura livell minimu ta' manteniment [manutenzjoni]: u evita t-taħsir ta' l-ambjenti naturali".

28. Il-*Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej* tosserva li l-ewwel domanda tirrigwarda l-marġni ta' diskrezzjoni li l-Artikolu 5(1) u l-Anness IV tar-Regolament Nru 1782/2003 jagħtu lill-Istati Membri. Fil-fehma tagħha, l-Istati Membri għandhom flessibbiltà kunsiderevoli meta huma jiddefinixxu r-rekwiżiti minimi għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba tal-artijiet, b'mod li jista' jkun hemm differenzi sinifikattivi bejn l-Istati Membri, jew bejn ir-reġjuni, fir-rigward tad-diversi rekwiżiti minimi. Barra minn hekk, diversi kunċetti tal-Anness IV bħal "użu xieraq talmakkinarju" jew "karatteristiċi tal-pajsaġġ" huma tant ġeneriċi li jagħtu setgħa diskrezzjonali wiesgħa lill-Istati Membri.

29. Il-Kummissjoni tispjega li l-kunċett ta' "karatteristiċi tal-pajsaġġ" jinsab fil-qalba ta' din il-kawża u li Stat Membru jista' jiddefendi l-idea li l-manutenzjoni tal-mogħdijiet li fir-rigward tagħhom hemm servitujiet ta' dritt ta' passaġġ pubbliku viżibbli hija meħtieġa biex tiġi evitata l-qerda tal-ambjenti naturali, li hija wkoll wieħed mis-"suġġetti" tal-Anness IV. Bl-istess mod, Stat Membru jista' jikkunsidra l-mogħdijiet bħala "karatteristiċi tal-pajsaġġ". Barra minn hekk, hija ssostni l-użu tal-kliem "u ambjentali" wara l-kelma "agrikoli" fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament Nru 1782/2003, jawtorizza lill-Istati Membri jiddefinixxu rekwiżiti minimi għal finijiet purament ambjentali. Il-Kummissjoni ma tarax li hemm kontradizzjoni bejn il-bażi legali tar-Regolament Nru 1782/2003 u t-teħid inkunsiderazzjoni ta' għanijiet ta' politika ambjentali fid-dispożizzjonijiet tiegħu peress li l-Artikolu 6 KE jistabbilixxi li r-rekwiżiti għall-ħarsien tal-ambjent għandhom ikunu integrati fid-definizzjoni u l-implementazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tal-Komunità, inkluża l-politika agrikola.

B — *Fuq it-tieni domanda*

30. Ir-rikorrent jargumenta li jeżisti trattament mhux ugwali bejn sitwazzjonijiet simili fi ħdan ir-Renju Unit, li jifforma Stat wieħed. Huwa jgħid li dan il-fatt iżid il-pressjoni li

għandhom il-bdiewa Ingliżi li, bħall-kollegi tagħhom f'reġjuni oħra tal-pajjiż, jixtiequ jżommu d-drittijiet kollha tagħhom għal pagament. Dan it-trattament mhux ugwali mhuwiex, fil-fehma tiegħu, oġġettivament ġustifikat u b'hekk imur kontra l-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni li kull Stat Membru huwa obbligat josserva, b'mod partikolari meta jimplementa d-dritt Komunitarju, irrispettivament mid-dispożizzjonijiet kostituzzjonali nazzjonali tiegħu jew mit-tqassim nazzjonali tal-kompetenzi fil-qasam leġiżlattiv. Barra minn hekk, tali trattament mhux ugwali jmur kontra d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-agrikoltura.

31. Għalkemm, skont ir-rikorrent, l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jipprovdi li Stat Membru jista' jiddefinixxi r-rekwiżiti minimi fuq livell nazzjonali jew reġjonali, dan ma jfissirx li l-leġiżlatur Komunitarju jagħti lill-Gvernijiet reġjonali fi ħdan l-Istati Membri kompetenza biex jiddefinixxu dawn ir-rekwiżiti minimi. Barra minn hekk, l-espressjoni "fuq livell reġjonali" tirreferi għal żoni li l-unità tagħhom hija ġġustifikata mill-kriterji indikati fir-regolament u m'għandhiex tinftiehem, pereżempju, f'sens politiku. Minbarra dawn il-kunsiderazzjonijiet, għalkemm l-Artikolu 5 (1) iħalli lill-Istati Membri liberi biex jiddeċiedu f'liema livell għandhom jiġu ddefiniti l-kundizzjonijiet minimi, dawn huma obbligati jastjenu fit-territorji tagħhom minn kwalunkwe ksur tal-prinċipji Komunitarji ta' ugwaljanza u ta' non-diskriminazzjoni.

32. Il-G*vern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq* jissuġġerixxi li tingħata risposta negattiva għat-tieni domanda preliminari. Fil-fehma tiegħu, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja turi li l-Istati Membri għandhom dritt li jwettqu l-obbligi Komunitarji tagħhom billi jieħdu miżuri fuq livell ċentrali, reġjonali jew lokali. Għaldaqstant, it-traspożizzjoni fil-livell reġjonali, fir-Renju Unit, tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament Nru 1782/2003 hija konformi mad-dritt Komunitarju. Billi rrikonoxxiet, fil-ġurisprudenza tagħha, li l-Istati Membri għandhom dritt li jittrasponu r-regoli Komunitarji fuq livell reġjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha fuq il-prinċipju li differenzi fl-implementazzjoni mill-awtoritajiet reġjonali ma jikkostitwixxux diskriminazzjoni li tmur kontra d-dritt Komunitarju. Ikun hemm diskriminazzjoni fis-sens tad-dritt Komunitarju biss jekk l-istess leġiżlatur jittratta b'mod differenti sitwazzjonijiet identiċi. Din il-konklużjoni hija loġika għaliex differenzi fit-traspożizzjoni fid-diversi reġjuni mhumiex fil-prinċipju iktar diskriminatorji mid-differenzi fit-traspożizzjoni fid-diversi Stati Membri. Barra minn hekk, il-fatt li l-Artikolu 5(1) tar-Regolament Nru 1782/2003 jgħid li r-rekwiżiti minimi għandhom jiġu ddefiniti "fuq livell nazzjonali jew reġjonali" jindika li Stat Membru jibqa' liberu li jwettaq l-obbligi tiegħu fuq livell reġjonali jew lokali, u effettivament din il-fakultà teżisti anki jekk ma tissemmiex espressament.

33. Fl-aħħar, il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq jispjega li tali approċċ huwa kumpatibbli mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif ukoll mal-prinċipju li fuqu dan huwa bbażat li abbażi tiegħu d-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu fuq l-iktar livell qrib taċ-ċittadin.

34. Il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, li ppreżenta osservazzjonijiet biss dwar it-tieni domanda preliminari, ukoll jissuġġerixxi li tingħata risposta negattiva għal din id-domanda. Skont huwa, rekwiżiti minimi differenti skont ir-reġjuni imposti mid-diversi awtoritajiet reġjonali ma jmorrux kontra l-prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju ta' projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għas-sempliċi raġuni li m'hemmx trattament mhux ugwali. Id-dritt Komunitarju jirrikonoxxi l-istrutturi kostituzzjonali infra-statali u l-qsim tal-kompetenzi għall-implementazzjoni tad-dritt Komunitarju, b'mod partikolari l-kompetenza tal-persuni ġuridiċi reġjonali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-kuntest ta' referenza biex jiġi evalwat trattament mhux ugwali mhuwiex l-Istat Membru fit-totalità tiegħu iżda kull waħda mill-persuni ġuridiċi reġjonali kompetenti li timplementa d-dritt Komunitarju abbażi tal-kompetenza tagħha.

35. Barra minn hekk, il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja jargumenta li eventwali trattament mhux ugwali li jirriżulta mit-tqassim tal-kompetenzi previst mid-dritt nazzjonali, b'mod partikolari d-dritt kostituzzjonali, bejn l-awtorità ċentrali u l-awtoritajiet reġjonali diċentralizzati fi ħdan Stat Membru, huwa oġġettivament ġustifikat.

36. Il-*Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej* tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament Nru 1782/2003, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu rekwiżiti minimi fuq livell nazzjonali jew reġjonali. B'hekk ma jirriżultax li l-leġiżlatur Komunitarju kien qies li approċċ unitarju f'kull Stat Membru kien meħtieġ. Anki jekk wieħed jista' jargumenta li r-reġjonalizzazzjoni tar-rekwiżiti minimi għall-istat agrikolu u ambjentali tajjeb tal-artijiet hija awtorizzata biss bil-kundizzjoni li din tkun kumpatibbli mad-diversi funzjonijiet tar-reġjuni, huwa wisq iktar probabbli li l-leġiżlatur Komunitarju sempliċement ħalla lil kull Stat Membru fil-libertà li jagħżel il-livell regolatorju adattat, fi ħdan is-sistema politika tiegħu, biex jadotta r-regoli neċessarji.

37. Fir-rigward tal-kwistjoni ta' diskriminazzjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra li trattament mhux ugwali jista' jwassal għal diskriminazzjoni fis-sens tad-dritt Komunitarju biss jekk dan ikun imputabbli għal sors wieħed. Għaldaqstant, f'dan ir-rigward, għandu jiġi miċħud l-argument tal-rikorrent fil-kawża prinċipali bbażat fuq il-fatt li r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq kien l-awtur tad-diskriminazzjoni minħabba li, minn naħa, huwa kellu d-dmir iwettaq l-obbligu Komunitarju tiegħu u li, min-naħa l-oħra, huwa kien għażel forma ta' implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkontestati li kienet il-kawża tad-diskriminazzjoni. Il-Kummissjoni tgħid li ebda dispożizzjoni tat-Trattat ma tpoġġi f'dubju l-istruttura diċentralizzata ta' bosta Stati Membri. Għall-kuntrarju, kull Stat Membru għandu d-dritt jiddefinixxi l-livell politiku li fuqu jiġu rregolati ċerti oqsma, inklużi l-obbligi imposti mid-dritt Komunitarju, kemm-il darba jkun garantit l-għan tal-leġiżlazzjoni Komunitarja inkwistjoni. Il-fatt li l-ministri tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandhom kompetenza residwali biex jaġixxu fl-oqsma devoluti mhuwiex rilevanti f'din il-kawża.

38. Il-*Gvern Irlandiż*, matul is-seduta, essenzjalment appoġġja l-pożizzjoni tal-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej. Fir-rigward tat-tieni domanda, huwa argumenta li l-Istati Membri fil-prinċipju għandhom id-dritt jiddeċiedu huma stess, b'mod konformi mar-regoli kostituzzjonali tagħhom, dwar il-forom ta' implementazzjoni tad-dritt Komunitarju fis-sistema interna tagħhom. Madankollu jeħtieġ li l-miżuri meħuda ma jeċċedux il-marġni ta' diskrezzjoni li huma għandhom u li dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-dritt Komunitarju. Differenzi fl-implementazzjoni konkreta b'hekk huma permessibbli u ma jikkostitwixxux diskriminazzjoni kontra individwi.

39. Il-Gvern Irlandiż barra minn hekk jesprimi t-tħassib tiegħu li interpretazzjoni kuntrarja mill-Qorti tal-Ġustizzja tista' tikkompromietti l-kooperazzjoni transkonfinali bejn l-Irlanda u r-Renju Unit fl-oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet tal-Irlanda ta' Fuq, pereżempju fil-qasam tal-agrikoltura u tal-ħarsien tal-ambjent.

VII — Evalwazzjoni ġuridika

A — *Fuq l-ewwel domanda*

40. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tixtieq tkun taf jekk l-obbligu impost fuq il-bdiewa fir-regoli ta' implementazzjoni Ingliżi li jiżguraw il-manutenzjoni tal-mogħdijiet li fir-rigward tagħhom hemm servitujiet ta' dritt ta' passaġġ pubbliku huwiex kopert mir-Regolament Nru 1782/2003. Biex dan ikun il-każ jeħtieġ li dan l-obbligu jaqa' taħt ir-rekwiżiti minimi għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba fis-sens tal-Artikolu 5(1).

41. Punt ieħor importanti li jinsab inkwistjoni f'din il-kawża, li fil-fehma tiegħi għandu jiġi ttrattat l-ewwel, jirrigwarda l-kwistjoni jekk ir-Regolament Nru 1782/2003 jawtorizzax lill-awtoritajiet nazzjonali jieħdu wkoll miżuri ta' politika ambjentali. Waqt li l-Gvern tar-Renju Unit u l-Kummissjoni jaċċettaw din il-kompetenza, din hija radikalment ikkontestata mir-rikorrent fil-kawża prinċipali [3].

42. Ir-risposta għal dawn id-domandi teħtieġ interpretazzjoni tar-Regolament Nru 1782/2003 inkwantu, sabiex jinftiehem aħjar l-iskop tiegħu, jeħtieġ li dan ir-regolament jiġi kkunsidrat fil-kuntest globali tiegħu bħala miżura leġiżlattiva ta' implementazzjoni tal-politika agrikola komuni (PAK). Fl-ewwel lok, għandu jiġi ċċarat l-isfond storiku u politiku tal-oriġini tiegħu. F'dan ir-rigward ser jiġu analizzati d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-regolament kif ukoll il-bażijiet legali tad-dritt primarju.

3 — Ara l-punt 49 tal-osservazzjonijiet tar-rikorrent.

1. L-aspetti ta' politika ambjentali tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003

a) Ir-relazzjonijiet bejn agrikoltura u ħarsien tal-ambjent fi ħdan il-PAK

43. L-agrikoltura għal żmien twil kellha rwol motriċi fil-proċess ta' integrazzjoni Ewropea. Il-PAK kienet waħda mill-ewwel oqsma li fih l-Istati Membri rrinunzjaw favur il-Komunità parti mis-sovranità nazzjonali tagħhom u li għaliha ddedikaw l-parti l-kbira tal-baġit Komunitarju, iffinanzjat mill-kontribuzzjonijiet tagħhom. Dan ir-rwol prekursur jista' jiġi spjegat mis-sitwazzjoni partikolari ta' wara l-gwerra u l-importanza tal-agrikoltura għall-alimentazzjoni tal-popolazzjonijiet: il-PAK kienet oriġinarjament ġiet żviluppata bil-għan li jiġu ggarantiti l-provvisti ta' ikel, li jiġu stabilizzati s-swieq u li jingħata livell ta' għajxien xieraq lill-popolazzjoni agrikola [4].

44. Waqt li fis-snin sittin il-PAK kienet għadha titqies bħala mutur tal-integrazzjoni, wara ċerti żviluppi negattivi, din saret sa ċertu punt ta' piż għall-Komunità. B'hekk il-progress tekniku, il-metodu ta' produzzjoni intensiva u l-produzzjoni relatata ta' kwantitajiet żejda kkontribwixxew dejjem iktar biex jitħalla impatt fuq l-ambjent. Fid-dawl ta' dawn il-perikoli ġodda għall-ambjent, il-Komunità tefgħet l-isforzi tagħha biex torjenta mill-ġdid u tirriforma l-PAK bil-għan, *inter alia*, li tilħaq bilanċ bejn il-produzzjoni u l-ħarsien tal-ambjent [5].

45. L-"Aġenda 2000", ippubblikata mill-Kunsill Ewropew f'Berlin fis-26 ta' Marzu 1999 [6], kienet stadju ta' importanza partikolari fit-triq lejn dritt agro-ambjentali. Din l-aġenda kienet tipproponi mudell agrikolu Ewropew ġdid li fih il-preokkuppazzjonijiet ambjentali kellhom jingħataw iktar importanza. Għandha tissemma wkoll l-evalwazzjoni f'nofs ir-riforma tal-politika agrikola komuni [7], ippreżentata mill-Kummissjoni fl-10 ta' Lulju 2002 u approvata mill-kapijiet tal-Istati u tal-Gvernijiet, fejn hija rrakkomandat li l-pagamenti unitarji indipendenti mill-produzzjoni u marbuta mal-azjendi jkunu

4 — W. Schwartz„ *Kommentar zu EU- und EG-Vertrag*, (Edizzjoni ta' Heinz Mayer), Artikolu 32, punt 6, p. 17, jispjega li l-integrazzjoni tas-settur agrikolu fis-suq komuni fil-bidu kienet ikkontestata bis-saħħa għal raġunijiet militari u politiċi. F'dan il-kuntest, id-deċiżjoni tal-Istati fundaturi tal-KEE li jinkludu s-settur agrikolu fil-qasam ta' kompetenza Komunitarja ma tistax tiġi mfaħħra biżżejjed. Wara l-esperjenzi trawmatizzanti taż-żewġ gwerer dinjin u s-snin ta' ġuħ, din kienet miżura li ġabet il-paċi bl-istess mod bħall-għaqda tal-industriji nazzjonali tal-faħam u tal-azzar fi ħdan il-KEFA. R. Priebe / R. Mögele, "Agrarrecht", f'M. Dauses (ed.), *Handbuch des EU-Wirtschaftsrechts*, Volum 1, parti G, punt 2, p. 3, jispjegaw li s-sitwazzjoni attwali tal-politika agrikola komuni tista' tinftiehem biss fil-kuntest tas-sitwazzjoni tal-bidu meta nħolqot il-Komunità. Fl-Ewropa ta' tmiem is-snin 50, is-settur agrikolu kien influwenzat ħafna mill-għan li jiġu ggarantiti l-provvisti kif ukoll minn stat relattivament lura fl-iżvilupp u d-dħul meta mqabbel ma' setturi oħrajn tal-ekonomija.

5 — Skont I. Heuser, "Bodenschutz als Ziel des gemeinsamen Agrarpolitik", *Jahrbuch des Agrarrechts* (C. Calliess *et*), Cologne 2006, p. 187, l-agrikoltura attwali għadha kkaratterizzata mill-fatt li l-progress tekniku, il-metodu ta' produzzjoni intensiva kif ukoll il-produzzjoni relatata ta' kwantitajiet żejda jimxu id f'id ma' pressjoni dejjem ikbar fuq l-ambjent.

6 — Ara l-konklużjonijiet finali tal-Kunsill Ewropew tas-26 ta' Marzu 1999 f'Berlin dwar il-kontenut tar-rikorma tal-PAK. Fihom jintqal li "l-kontenut ta' din ir-riforma ser jiżgura li l-agrikoltura tkun multifunzjonali, sostenibbli, kompetittiva, imqassma fuq it-territorju Ewropew kollu, inklużi r-reġjuni li għandhom problemi speċifiċi, kapaċi li żżomm fi stat tajjeb il-pajsaġġ, tippreżerva l-ispazju naturali u tagħti kontribut essenzjali għall-vitalità tad-dinja rurali, u li tirrispondi għat-tħassib u l-ħtiġijiet tal-konsumaturi fir-rigward tal-kwalità u s-sigurtà tal-prodotti tal-ikel, tal-*ħarsien tal-ambjent* u tal-preżervazzjoni tal-benesseri tal-annimali."

7 — Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2002, COM(2002) 394 finali, p. 22.

globalment suġġetti għall-osservanza tal-istandards imperattivi ta' "cross compliance" fis-setturi tal-ambjent, tas-sigurtà u l-kwalità tal-ikel kif ukoll tal-protezzjoni tal-annimali.

46. Approċċ tal-istess ġeneru kien diġà ġie implementat mir-Regolament (KE) Nru 1259/1999 [8], regolament orizzontali, li l-Artikolu 3 tiegħu jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jieħdu miżuri ambjentali [9]. F'dan ir-regolament, il-pagamenti diretti ġew armonizzati u suġġetti għal kundizzjonijiet ta' ħarsien tal-ambjent. Dan ir-regolament kien diġà jieħu inkunsiderazzjoni, l-istess bħar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, li ġie adottat wara, aspetti ta' protezzjoni talħamrija, li huma s-suġġett ta' din id-domanda preliminari. Waqt li r-Regolament (KE) Nru 1259/1999 kien għadu jħalli lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tal-istandards ta' protezzjoni, bir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 issa l-benefiċjarji kollha ta' pagamenti diretti huma suġġetti għal dawk il-miżuri [10].

b) L-importanza tal-ħarsien tal-ambjent fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003

47. Jirriżulta mill-oriġini tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li l-intenzjoni kienet li tingħata iktar importanza lill-kunsiderazzjonijiet ta' politika ambjentali milli kien previst fil-proposta inizjali tal-Kummissjoni [11]. B'hekk l-obbligu impost fuq l-Istati Membri, skont l-Artikolu 5(1) li jiżguraw li l-artijiet agrikoli kollha jinżammu "f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba" iddaħħal biss matul il-proċedura leġiżlattiva. L-istess jgħodd għall-obbligu, essenzjalment ifformulat fi kliem simili għall-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, impost fuq il-bidwi li jirċievi pagamenti diretti, li jimplementa r-regoli stabbiliti mill-Istati Membri.

48. Din iż-żieda, flimkien mar-rekwiżit li l-artijiet agrikoli jinżammu "f'kundizzjoni agrikola tajba", għandha konsegwenzi sinifikanti għall-interpretazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, għaliex twassal għall-konklużjoni li, f'għajnejn il-leġiżlatur Komunitarju, iż-żewġ għanijiet għandhom jitqiesu li jinsabu fuq l-istess livell.

8 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1259/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 li jistabbilixxi regoli komuni għall-iskemi ta' appoġġ dirett skont il-politika agrikola komuni (ĠU L 160, p. 113).

9 — L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1259/1999, bit-titolu "Il-ħtiġijiet tal-protezzjoni ambjentali", jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu: "Fejn jirrigwarda l-attività agrikola fl-iskop ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri ambjentali li jikkunsidraw appropriati minħabba l-qagħda ta' l-art agrikola użata jew il-produzzjoni interessata u li jirriflettu l-effetti potenzjali ambjentali. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu:
— appoġġ bħala kumpens għall-impenji agro-ambjentali,
— ħtiġiet ġenerali mandatorji ambjentali,
— ħtiġiet ambjentali speċifiċi li jikkostitwixxu kondizzjoni għall-ħlasijiet diretti". Schwartz, W., *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 4), Artikolu 34, punt 13, p. 31, jinterpreta din id-dispożizzjoni bħala awtorizzazzjoni għall-Istati Membri biex jieħdu miżuri ambjentali adattati. V. Adam, *La réforme de la politique agricole commune de l'Union*, Volum I, Pariġi 2001, p. 266, jenfasizza l-importanza tal-cross compliance politika orjentata lejn l-ambjent. L-awtriċi tiddiskriviha bħala progress kunsiderevoli tal-politika ambjentali fil-qafas tal-PAK.

10 — Ara D. Bianchi, *La politica Agricola Comune (PAC)*, Guezzano 2007, p. 46, li jiġbed l-attenzjoni għat-twessigħ tal-cross compliance marbuta mal-ambjent wara r-riforma tal-1999.

11 — Proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli komuni għall-iskemi ta' appoġġ dirett fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi skemi ta' appoġġ għall-produtturi ta' ċerti uċuħ tar-raba', COM(2003), 23 finali.

49. Għandu jiġi enfasizzat f'dan ir-rigward il-fatt li l-Artikolu 2(c) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jagħti definizzjoni ġuridika tal-kunċett ta' "attività agrikola" li, flimkien mal-attivitajiet tradizzjonali, tinkludi espressament "il-manteniment [manutenzjoni] ta' l-art f'kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba kif stabbilit taħt l-Artikolu 5".

50. Għandu jiġi osservat ukoll li l-obbligu li l-artijiet jinżammu f'kundizzjoni ekoloġika tajba japplika mingħajr eċċezzjoni għall-"art agrikola kollha, speċjalment art li m'għad[h]iex tintuża għall-[i]skopijiet ta' produzzjoni". Din ir-regola hija msejsa fuq it-tielet punt talpremessi tar-Regolament Nru 1782/2003, li minnu jirriżulta li għandu jiġi evitat li l-artijiet agrikoli jiġu abbandunati. Il-funzjoni tagħha hi li jiġi ppreżervat l-użu potenzjali ta' art għal finijiet agrikoli. Minn dan jidher li l-leġiżlatur Komunitarju kien konxju dwar ir-rabta millqrib bejn il-ħarsien tal-ambjent u l-agrikoltura.

51. Ir-riforma tal-PAK deskritta hawn fuq, li tagħti importanza ċentrali lill-ħarsien tal-ambjent [12], barra minn hekk hija kkaratterizzata mill-cross compliance politika, espressa fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 bħala konnessjoni bejn l-appoġġ dirett u l-osservanza ta' regoli vinkolanti, fosthom standards bażiċi dwar il-ħarsien tal-ambjent. Il-Premessa 2 tagħmel referenza espliċita għal dan. Dan jgħodd ukoll għan-neċessità, enfasizzat fil-Premessa 24, li l-pagament uniku jkun suġġett għall-kundizzjoni li jkun hemm cross compliance, b'mod partikolari mal-ambjent.

52. Il-fatt li r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jsegwi wkoll parzjalment għajnijiet purament ta' politika ambjentali pura u jawtorizza lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri korrispondenti huwa finalment ikkonfermat mill-ħtiġijiet, iddikjarati fl-Anness IV, li "[jiġi] evita[t i]t-taħsir talambjenti naturali" u li "jinżammu l-karatteristiċi tal-pajsaġġ", li huma pjuttost għanijiet ta' politika ambjentali iktar milli ta' politika agrikola.

53. Jirriżulta mill-konstatazzjonijiet preċedenti li l-PAK evolviet lejn politika Komunitarja li timmira lejn il-ħarsien tal-ambjent. Ir-Regolament Nru 1782/2003 jirrifletti din il-politika inkwantu, minkejja l-enfasi fuq l-aspetti agrikoli, isegwi wkoll għanijiet ta' politika ambjentali [13]. Għaldaqstant, l-Istati Membri huma awtorizzati permezz tal-Artikolu 5(1) u l-Anness IV jaġixxu wkoll fl-interess tal-ħarsien tal-ambjent.

12 — Ara l-punti 43 sa 46 ta' dawn il-konklużjonijiet.

13 — L./ C. Blumann, *Droit matériel de l'Union européenne*, Edizzjoni Nru 3, p. 315 *et seq.*, jiġbdu l-attenzjoni għall-innovazzjonijiet li ddaħħlu mill-politika agrikola komuni l-ġdida. Il-ħarsien tal-konsumaturi, tal-agrikoltura u tal-ambjent, kif ukoll l-istabbiltà tal-prezzijiet, jagħmlu parti minn dawn id-direzzjonijiet ġodda. Huma jindikaw ukoll l-użu dejjem ikbar tal-cross compliance ambjentali permezz tar-Regolament Nru 1782/2003.

c) Il-bażijiet legali tad-dritt primarju

54. Din il-konstatazzjoni hija wkoll konformi mar-regoli tad-dritt primarju. Il-Kunsill ibbaża r-Regolament Nru 1782/2003 fuq it-Trattat u, b'mod partikolari, fuq l-Artikoli 36 KE, 37 KE u 299(2) KE, u b'hekk fuq id-dispożizzjonijiet dwar il-politika agrikola.

55. Madankollu, dan ma jipprekludix li jiġu inklużi għanijiet ta' politika ambjentali, speċjalment billi l-Artikolu 6 KE, klawżola ta' trasversalità introdotta mit-Trattat ta' Amsterdam, tipprovdi li r-rekwiżiti għall-ħarsien tal-ambjent għandhom jiġu integrati fid-definizzjoni u l-implementazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet kollha tal-Komunità. Din id-dispożizzjoni hija konformi mal-prinċipju li abbaži tiegħu l-miżuri Komunitarji kollha għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti għall-ħarsien tal-ambjent. Il-korollarju ta' dan hu li miżura Komunitarja ma tagħmilx parti mill-politika ambjentali Komunitarja sempliċement minħabba l-fatt li tieħu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti tagħha [14].

14 — Ara s-sentenza tad-29 ta' Marzu 1990, Il-Greċja vs Il-Kunsill (C-62/88, Ġabra p. I-1527, punt 20). Madankollu, fil-każ tar-Regolament nru. 1782/2003, huwa ċar li l-attività Komunitarja hija ċċentrata fuq is-settur agrikolu.

56. Ir-regoli tal-Artikolu 6 KE għandhom qabel kollox jiggarantixxu t-twettiq tal-għanijiet tal-Artikoli 2 KE, 3 KE u 174(1) KE [15]. B'hekk mhuwiex esklużi li, f'ċerti każijiet, abbażi ta' din id-dispożizzjoni tat-Trattat il-ħarsien tal-ambjent jista' jipprevali fuq l-għanijiet l-oħra tal-PAK [16].

2. Il-kompetenzi tal-Istati Membri biex jiddefinixxu r-rekwiżiti minimi

a) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 bħala bażi ta' awtorizzazzjoni

57. Il-leġiżlatur Komunitarju uża l-kompetenza tiegħu fil-qasam tal-PAK b'mod tant sħiħ li l-Istati Membri m'għad fadlilhom iktar ebda kompetenza regolatorja. Iżda t-Trattat ma jirrikjedix li l-leġiżlatur Komunitarju jirregola l-kwistjonijiet agrikoli b'mod eżawrjenti. Huwa jista' wkoll fil-prinċipju, f'ċerti oqsma jew għal ċerti kwistjonijiet partikolari,

15 — L-Artikolu 6 KE jittratta dwar il-linji politiċi u l-miżuri Komunitarji ċċitati fl-Artikolu 3 KE. Dan jelenka l-attivitajiet tal-Komunità li għandhom iwettqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 KE, jiġifieri, *inter alia*, il-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli tal-attivitajiet ekonomiċi u livell għoli ta' protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ambjent. Dan jiddikjara wkoll b'mod ċar li l-klawżola ta' trasversalità tikkonċerna l-azzjonijiet kollha tal-Komunità. Mill-perspettiva ambjentali l-politika komuni fis-settur tal-agrikoltura (Artikolu 3(e)), il-politika komuni fis-settur tat-trasport (Artikolu 3(f)), il-promozzjoni tal-istabbiliment u l-iżvilupp ta' netwerks transewropej (Artikolu 3(o)) u l-miżuri fl-oqsma tal-enerġija u t-turiżmu (Artikolu 3(u)) ukoll għandhom importanza partikolari (ara wkoll, fl-istess sens: J. Jahns-Böhm, *EU-Kommentar* (Edizzjoni ta' J. Schwarze), Artikolu 6 KE, punt 10, p. 277).

16 — Skont I. Heuser, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 5), p. 201, il-protezzjoni tal-ħamrija tista', abbażi tal-klawżola ta' trasversalità tal-Artikolu 6 KE, tipprevali f'ċerti każijiet fuq l-għanijiet l-oħra tal-PAK.

iħalli tali regolarizzazzjoni għad-dritt nazzjonali [17], b'mod speċjali billi l-Istati Membri għandhom rwol ċentrali fit-traspożizzjoni tad-dritt Komunitarju fil-livell leġiżlattiv u amministrattiv.

58. Dan huwa dak li seħħ f'dan il-każ. Ir-Regolament Nru 1782/2003, effettivament, huwa intiż bħala awtorizzazzjoni [18] li jipprevedi espressament l-obbligu għall-Istati Membri li jadottaw miżuri ta' implementazzjoni. Skont l-Artikolu 5(1) ir-"rekwiżiti minimi" huma stabbiliti fuq il-bażi tal-"qafas" stabbilit fl-Anness IV, li jikkonsisti f'serje ta' "suġġetti" u "standards". Iż-żewġ kategoriji jinkludu kemm għanijiet kif ukoll kriterji li għandhom jiġu kkunsidrati fit-traspożizzjoni tar-rekwiżiti. Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 b'hekk huwa llimitat li jagħti qafas regolatorju ġenerali [19], li kif jindikaw ġustament il-Gvern tar-Renju Unit u l-Kummissjoni, iħalli lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni kunsiderevoli [20]. Huwa għalhekk għandhom jagħtu forma konkreta, fis-sistemi legali tagħhom u taħt ir-responsabbiltà tagħhom, lil dan il-qafas regolatorju.

59. Ma' dan għandha tiżdied ukoll il-marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa, li tirriżulta mill-użu ta' ċirkustanzi ddefiniti fi kliem ġenerali u ta' kunċetti suġġetti għal interpretazzjoni, bħal pereżempju, in-"natura xierqa" tad-diversi miżuri meħuda mill-Istati Membri jew tal-makkinarji li għandhom jintużaw. Għaldaqstant għandhom jiġu approvati l-argumenti tal-Gvern tar-Renju Unit u tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

17 — Ara f'dan is-sens R. Heuser, "Differenzierung und Dezentralisierung in der gemeinsamen Agrarpolitik ", *Tradition und Weltoffenheit des Rechts: Festschrift für Helmut Steinberger*, 2002, p. 1350. Ara wkoll Adam, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 9), p. 178, li tosserva li ċerti regolamenti dwar il-PAK jagħtu awtorizzazzjoni leġiżlattiva lill-Istati Membri. Dan ma jpoġġix f'dubju l-kompetenza esklużiva tal-Komunità, u lanqas l-effett dirett tar-regolamenti. L-awtriċi tispjega li għadd kbir ta' regolamenti jagħtu diskrezzjoni wiesgħa lill-Istati Membri, iżda dan ma jwassalx għall-konklużjoni li l-PAK reġgħet tqiegħdet taħt l-isfera nazzjonali. Din l-opinjoni tinsab ukoll fi R. Heuser/R. Mögele, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 4). G. Thiele, *Das Recht der Gemeinsamen Agrarpolitik der EG*, Berlin 1997, p. 76, jiddistingwi bejn regolamenti li ma jħallu ebda diskrezzjoni sostantiva lill-Istati Membri u li b'hekk jistgħu jiġu applikati direttament, u regolamenti oħra li, jew jillimitaw espressament il-kompetenza sostantiva tal-Istati Membri, jew inkella ma jgħidu xejn, b'mod li l-Istati Membri jgawdu minn marġni ta' diskrezzjoni.

18 — Jappartjenu għal din il-kategorija r-regolamenti li għandhom jiġu ssupplementati b'miżuri ta' implementazzjoni adottati mil-leġiżlatur Komunitarju jew nazzjonali abbażi ta' awtorizzazzjoni jew ta' obbligu espressi jew impliċiti (ara W. Schröder, f': *EUV/EGV Kommentar* (Edizzjoni ta' R. Streinz), Artikolu 249 EGV, punt 61; M. Ruffert, f'*EUV/EGV Kommentar* (Edizzjoni ta' C. Calliess/M. Ruffert), Artikolu 249, punt 43, p. 2133). Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li xejn ma jipprekludi lil-leġiżlatur Komunitarju milli jawtorizza f'regolament lil Stat Membru jieħu miżuri eżekuttivi (ara s-sentenzi tal-11 ta' Novembru 1992, Teulie, C-251/91, Ġabra p. I-5599, punt 13, u tas-27 ta' Novembru 1979, Eridania Zuccherifici, 230/78, Ġabra p. 2749, punt 34).

19 — Ara wkoll P. Borghi, " Il regolamento N°. 1782/2003 e le norme dell'organisazzione mondiale del commercio (OMC/WTO) ", *Rivista di diritto agrario*, 2005, p. 100, li abbażi tiegħu l-Anness IV sempliċement jipproponi skema (komposta minn għanijiet kif ukoll strumenti li għandhom jintużaw għat-twettiq tagħhom), li l-Istati Membri għandhom jimxu magħha meta jiddefinixxu r-rekwiżiti minimi għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba. Fl-istess sens ara: D. Bianchi, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 10), p. 228, li abbażi tiegħu l-leġiżlatur Komunitarju sempliċement ħoloq qafas regolatorju ġenerali. B'hekk huwa ried iħalli setgħa diskrezzjonali wiesgħa lill-Istati Membri u, fl-istess ħin, jagħtihom responsabbiltà kbira.

20 — R. Heuser, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 17), p. 1360, tispjega li l-politika agrikola komuni hija eżegwita qabel kollox mill-Istati Membri. Hija tirrimarka, f'dan ir-rigward, li marġni ta' diskrezzjoni u ta' divrenzjar kienu ġew introdotti favur l-Istati Membri fil-leġiżlazzjoni agrikola Komunitarja. Dan il-fenomenu huwa espress fl-użu ta' kunċetti ta' natura ġenerali.

b) L-implementazzjoni konkreta tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 fl-Ingilterra

60. Dawn il-kunsiderazzjonijiet madankollu ma jeżentawx lill-Istati Membri mill-obbligu li jieħdu miżuri ta' implementazzjoni li jkunu konformi mad-dritt Komunitarju. Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jipprovdi l-punt ta' referenza ġuridiku li fir-rigward tiegħu għandhom jiġu ġġudikati l-miżuri ta' implementazzjoni nazzjonali [21].

61. Fir-rigward tal-kwistjoni ċentrali, li tirrigwarda jekk il-bdiewa humiex obbligati jiżguraw il-manutenzjoni tal-mogħdijiet li fir-rigward tagħhom hemm servitujiet ta' dritt ta' passaġġ pubbliku f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba fis-sens tal-Artikolu 5(1), il-Gvern tar-Renju Unit josserva li tali attività taqa' fil-qafas taż-"żamma tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ" fl-Anness IV. Iżda dan il-punt huwa kkontestat mill-rikorrent fil-kawża prinċipali.

i) Il-kunċett ta' "pajsaġġ" fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003

62. B'hekk tqum il-kwistjoni dwar it-tifsira tal-kunċett ta' "karatteristika tal-pajsaġġ". Peress li r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ma jagħti ebda definizzjoni legali ta' dan il-kunċett, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tinterpretah. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkunsidrat l-użu lingwistiku naturali kif ukoll il-kuntest li fih ġeneralment tintuża din il-frażi.

63. Il-kelma "pajsaġġ" użata fil-verżjoni Ingliża ("*landscape features*" [22]) tidher, minbarra t-tifsira tagħha fil-qasam tal-arti, li għandha sens purament deskrittiv u ġeografiku [23]. Fil-fehma tiegħi, f'din il-kawża għandhom jiġu analizzati dawn l-aħħar żewġ kategoriji.

21 — Kif ikkonstatat il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Eridania Zuccherifici (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punt 34), l-applikabbiltà diretta tal-att li jawtorizza lill-Istat Membru jieħu l-miżuri nazzjonali inkwistjoni għandha l-effett li tippermetti lill-qrati nazzjonali jistħarrġu l-konformità ta' dawn il-miżuri nazzjonali mal-kontenut tar-regolament Komunitarju.

22 — L-istess bħal fil-verżjoni Ġermaniża ("Landschaftselement"), Taljana ("elementi caratteristici del paesaggio"), Olandiża ("landschapselementen"), Portuġiża ("caracteristicas das paisagens") u Żvediża ("landskapselement").

23 — Dan jirriżulta b'mod ċar f'Meyers Enzyklopädisches Lexikon, Edizzjoni Nru 9, 1971-1984, Volum 14, p. 598.

ii) Il-kunċett ta' pajsaġġ fis-sens deskrittiv

64. Il-kunċett ta' pajsaġġ, mifhum f'sens deskrittiv, jirreferi sempliċement għal "medda ta' art viżibbli minn ċertu post jew f'direzzjoni partikolari" [24]. Mogħdijiet li b'mod ċar huma suġġetti għal servitujiet ta' dritt ta' passaġġ pubbliku, u li jkunu jidhru minn post partikolari, għandhom, skont din id-definizzjoni, jiġu inklużi fil-kunċett ta' pajsaġġ.

iii) Il-kunċett ta' pajsaġġ fis-sens ġeografiku

— Karatteristiċi topografiċi

65. Il-kunċett ta' "karatteristiċi tal-pajsaġġ" fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 madankollu jippreżenta ċerti differenzi semantiċi fid-diversi verżjonijiet lingwistiċi. Pereżempju, fil-verżjoni Franċiża tintuża l-fraži "particularités topographiques" [25], li tirreferi għall-kunċett ta' pajsaġġ fis-sens ġeografiku, peress li t-topografija hija kunċett li tintuża fil-ġeografija.

66. Jekk wieħed jirreferi għall-etimoloġija Griega tal-kelma "topografija" [26], din tfisser, fl-aċċettazzjoni ġeografika attwali tagħha, "għarfien ta' postijiet", "deskrizzjoni ta' sit", jew "kartografija". Iżda din tintuża wkoll biex tiddeskrivi l-konfigurazzjoni jew l-istruttura ta' post. Il-kunċett ta' "topografija" b'hekk ma jirreferix biss għat-teknika ta' rappreżentazzjoni tal-konfigurazzjoni ta' post jew tal-istruttura tal-wiċċ tal-art iżda wkoll għall-elementi li għandhom jiġu rrappreżentati. Dawn l-elementi, jiġifieri l-karatteristiċi topografiċi, jistgħu jkunu naturali, iżda jistgħu jirriżultaw ukoll minn intervent tal-bniedem [27]. Minbarra l-bini u infrastrutturi oħra, it-toroq ukoll jagħmlu parti mill-elementi maħluqa mill-bniedem [28].

67. F'dawn iċ-ċirkustanzi, m'hemmx diffikultà biex il-mogħdijiet li huma suġġetti għal servitujiet ta' dritt ta' passaġġ pubbliku jiġu ddefiniti bħala karatteristiċi topografiċi.

24 — Skont id-definizzjoni tax-Shorter Oxford English Dictionary, Edizzjoni Nru 5, 2002, Volum I, p. 1536, il-kelma "Landschaft", (Landscape) bl-Ingliż, tfisser "medda ta' art viżibbli minn ċertu post jew f'direzzjoni partikolari". Din id-definizzjoni tikkorrispondi għal dik tal-kunċett ekwivalenti bil-Franċiż ("paysage"), li skont *Le Nouveau Petit Robert*, 2007, p. 1836, ifisser "medda ta' art li wieħed ikun jista' jara".

25 — L-istess fil-verżjoni Spanjola (" particularidades topográficas ").

26 — Il-kelma topografija hija ta' oriġini Griega u tikkonsisti fil-kliem ġeografiċi τόπος (topos), li tfisser post, u γραωειν (graphein), kitba. "Topographein" b'hekk letteralment tfisser id-deskrizzjoni ta' post.

27 — Ara l-kelma "topography" (topografija) f'*The New Encyclopaedia Britannica*, Edizzjoni Nru 15, 1975-, Volum 11, p. 848, u f'*Webster's Ninth New Collegiate Dictionary*, 1987, p. 1244.

28 — Ara l-fraži "topographic map" (mappa topografika) f'*The New Encyclopaedia Britannica* (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27), Volum 11, p. 848, li abbaži tagħha l-oġġetti rrappreżentati jistgħu jkunu kemm naturali kif ukoll maħluqa mill-bniedem. Il-bliet u l-irħula, it-toroq, il-binarji tal-ferrovija, il-kanali, digi, pontijiet, mini, ġonna eċċ. jagħmlu parti minn din it-tieni kategorija.

— Definizzjoni tal-kunċett ta' pajsaġġ fis-sens ġeografiku

68. Minkejja kollox, il-kunċett ta' pajsaġġ fis-sens ġeografiku jinkludi wkoll il-karatteristiċi topografiċi. Skont definizzjoni waħda, dan il-kunċett jirreferi għal "ċerta parti mill-wiċċ tad-dinja li, minħabba d-dehra esterna tagħha u l-interazzjoni tal-fatturi ġeografiċi dominanti (li jinkludu l-attività tal-bniedem) għandha l-karatteristiċi speċifiċi tagħha u b'hekk hija distinta miż-żona ta' madwarha" [29]. Skont definizzjoni oħra, il-kelma "pajsaġġ" fis-sens ġeografiku tfisser "parti minn pajjiż jew reġjun bil-karatteristiċi topografiċi tagħha ffurmati jew immodifikati minn proċessi (normalment naturali) jew minn interventi tal-bniedem" [30].

69. Skont dawn id-definizzjonijiet, mogħdijiet li b'mod ċar huma suġġetti għal servitujiet ta' dritt ta' passaġġ pubbliku, jikkostitwixxu "karatteristiċi tal-pajsaġġ" fis-sens tal-Anness IV tar-Regolament Nru 1782/2003. L-ewwel definizzjoni ċċitata hawn fuq, li tiddeskrivi l-kunċett ta' pajsaġġ fis-sens ġeografiku, effettivament tgħid espressament li l-parti tal-wiċċ tad-dinja tista' tkun ikkaratterizzata wkoll mill-attività tal-bniedem (bħat-tqegħid ta' mogħdijiet). It-tieni definizzjoni ta' pajsaġġ tidher, ta' mill-inqas, li ma teskludix għal kollox tali influwenzi tal-bniedem għalkemm fil-prinċipju tassumi li l-wiċċ iddelimitat b'dan il-mod huwa kkaratterizzat l-iktar minn fatturi naturali.

70. L-interpretazzjoni li abbaži tagħha l-mogħdijiet li huma suġġetti għal servitujiet ta' dritt ta' passaġġ pubbliku huma inklużi fil-kunċett ta' "pajsaġġ" hija ssostanzjata wkoll mill-fatt li l-interventi tal-bniedem fuq in-natura f'ebda każ m'għandhom jitqiesu sistematikament bħala biss li jikkawżaw ħsara. Fil-fatt huwa konċepibbli li tali interventi jitqiesu wkoll li huma fatturi importanti għall-iżvilupp tat-territorji. Għaldaqstant, illum issir distinzjoni bejn il-"pajsaġġ naturali oriġinali" u "pajsaġġ kulturali" maħluq mill-bniedem [31].

71. Konsegwentement, bil-mod ta' kif inhuma mifhuma attwalment, il-pajsaġġi jistgħu jkunu kkostitwiti minn elementi naturali bħal "siġar, sġajriet, arbuxelli, sisien tal-ħaxix, fjuri, ħaxix, ilma u blat", kif ukoll minn oġġetti artifiċjali bħal "'decks', terrazzini, pjazez, bankini, kabini u funtani" [32]. Dan kollu jindika li l-oġġetti maħluqa mill-bniedem, bħall-mogħdijiet għall-mixi jew il-mogħdijiet agrikoli, għandhom jitqiesu li jiffurmaw parti mill-pajsaġġ fis-sens ġeografiku deskritt hawn fuq.

29 — Ara *Meyers Enzyklopädisches Lexikon*(iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23), Volum 14, p. 598.

30 — Fix-Shorter Oxford English Dictionary (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24), 2002, Volum I, p. 1536, il-kelma Ingliża ekwivalenti għal "pajsaġġ" hija ddefinita fis-sens ġeografiku u f'dan il-kliem: "a tract or region of land with its characteristic topographical features, especially as shaped or modified by (usually natural) processes and agents".

31 — Ara *Meyers Enzyklopädisches Lexikon* (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23), Volum 14, p. 598.

32 — Ara f'dan ir-rigward l-artikolu ddettaljat dwar il-kunċett "landscape architecture" f'The New Encyclopaedia Britannica (iċċitata iktar 'il fuq), Volum 7, pp. 139 *et seq.*

72. B'hekk għandu jiġi kkonstatat li l-mogħdijiet li huma suġġetti għal servitujiet ta' dritt ta' passaġġ pubbliku wkoll għandhom jitqiesu bħala "karatteristiċi tal-pajsaġġ" fis-sens tal-Anness IV tar-Regolament Nru 1782/2003.

c) Miżura intiża biex "jinżammu l-karatteristiċi tal-pajsaġġ"

73. Billi jimponi fuq il-bdiewa l-obbligu li jżommu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni l-mogħdijiet li fir-rigward tagħhom hemm servitujiet ta' dritt ta' passaġġ pubbliku, l-Istat Membru jwettaq l-obbligu tiegħu taħt l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jiżgura li l-karatteristiċi tal-pajsaġġ jinżammu u ma jinqerdux.

74. Ir-regoli ta' implementazzjoni Ingliżi filfatt huma intiżi biex jiggarantixxu ż-żamma ta' dawn il-mogħdijiet pubbliċi. Dawn jinkludu dispożizzjonijiet intiżi sabiex l-operaturi jiġu mħeġġa jippreżervaw il-mogħdijiet pubbliċi. Minn naħa, dawn jipprojbixxuhom, taħt piena ta' sanzjoni, milli jagħmlu ħsara lill-wiċċ ta' mogħdija għall-mixi viżibbli, ta' mogħdija għaż-żwiemel viżibbli jew ta' kull mogħdija pubblika oħra. Min-naħa l-oħra, dawn jobbligawhom, f'każ li ma tiġix osservata din il-projbizzjoni, jerġgħu jirranġaw il-mogħdijiet għall-mixi jew il-mogħdijiet għaż-żwiemel li tkun saritilhom ħsara b'mod li jkun jista' jiġi eżerċitat jedd suffiċjenti ta' mogħdija.

75. Il-miżuri previsti mir-regoli ta' implementazzjoni Ingliżi b'hekk huma adattati biex jiggarantixxu ż-żamma tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ.

d) Iż-żamma ta' mogħdijiet pubbliċi: miżura ta' "manteniment [manutenzjoni]" u intiża biex "[jiġi] evita[t i]t-taħsir ta' l-ambjenti naturali" fis-sens tal-Anness IV tar-Regolament Nru 1782/2003

76. Tali miżura għandha fl-istess ħin tkun tista' tiġi kklassifikata taħt is-"suġġett" "manteniment [manutenzjoni]" fis-sens tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Dan jinkludi kemm il-"livell minimu ta' manteniment [manutenzjoni]" kif ukoll il-fatt li "[jiġi] evita[t i]t-taħsir ta' l-ambjenti naturali".

77. Jekk tiġi adottata interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' pajsaġġ, kif qed nissuġġerixxi f'dawn il-konklużjonijiet, li tinkludi wkoll il-mogħdijiet pubbliċi fost il-karatteristiċi tal-pajsaġġ, xejn ma jimpedixxi li l-miżuri intiżi għall-manutenzjoni tagħhom, kif previsti fir-regoli ta' implementazzjoni Ingliżi, jitqiesu bħala miżuri ta' "manteniment [manutenzjoni]" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

78. Fil-fehma tiegħi, b'hekk m'hemm ebda dubju li l-mogħdijiet pubbliċi għandhom rwol kunsiderevoli fil-manutenzjoni taż-żoni

abitati fiż-żoni rurali, peress li d-dritt Ruman kien diġà jirrikonoxxi l-importanza tagħhom għall-iżvilupp ekonomiku tal-bniedem [33]. Fl-ewwel lok, il-jeddijiet ta' mogħdija tal-bdiewa jippermettulhom ikollhom aċċess għall-art agrikola maħduma minnhom.

b'hekk jagħtuh il-possibbiltà ta' ħarġiet ta' ġurnata jew saħansitra itwal, fatt li jikkontribwixxi għar-rilassament tal-popolazzjonijiet urbani u rurali [35]. Il-funzjoni rikreattiva tal-ambjent, li hija stimulata mill-eżistenza ta' mogħdijiet pubbliċi, tħalli vantaġġi ekonomiċi għall-popolazzjoni rurali, li spiss tiddependi fuq it-turiżmu, peress li toħloq fattur importanti ta' ħolqien ta' valur.

79. Min-naħa l-oħra, kif huwa indikat ukoll fid-deċiżjoni tar-rinviju, il-mogħdijiet pubbliċi jippromwovu l-mobbiltà tal-abitanti ta' żona rurali kif ukoll dik tal-viżitaturi li ġew minn reġjuni oħrajn tal-pajjiż [34]. Huwa preċiżament fiż-żoni rurali li mogħdijiet għall-mixi jew mogħdijiet għat-trekking jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess tal-pubbliku għan-natura u

80. Il-mogħdijiet pubbliċi jservu fl-istess ħin biex jiġi mħares l-ambjent billi jindikaw rotot għat-trekking li ma jagħmlux ħsara lill-fawna u l-flora u billi b'hekk jiggarantixxu li l-ħsara kkawżata mill-bniedem fuq l-ambjent tibqa' limitata. B'hekk dawn jikkontribwixxu lejn iż-żamma tal-ambjenti naturali tal-annimali u l-ħxejjex. Fl-istess ħin, dawn jiżguraw li d-dilet-

33 — Skont R. Monier, *Manuel élémentaire de droit romain*, Edizzjoni Nru 6, Pariġi 1947, p. 432, is-servitujiet *in rem*, li jinkludu l-jeddijiet ta' mogħdija, kienu intiżi biex jikkontribwixxu għal użu agrikolu ottimali tal-art. Fid-dritt Ruman, kienet issir distinzjoni fost is-servitujiet bejn is-servitujiet rurali (*servitutes praediorum rusticorum*) u s-servitujiet urbani (*servitutes praediorum urbanorum*). Il-punt importanti, għall-finijiet ta' din id-distinzjoni, ma kienx jiddependi fuq fejn kienu jinsabu dawn l-artijiet iżda pjuttost fuq l-iskop tas-servitù. Is-servitujiet rurali b'hekk kienu jimplikaw il-jedd ta' aċċess għal art (*iter*), li wieħed jaqsam minn fuq dik l-art (*via*), li wieħed jaqsam dik l-art bil-bhejjem (*actus*), u li wieħed jgħaddi l-ilma (*aquae ductus*). Dawn l-erba' servitujiet jistgħu jkunu l-eqdem magħrufa taħt id-dritt Ruman. Il-jedd ta' aċċess (*iter*) kien jinkludi wkoll id-dritt li wieħed jgħaddi biż-żiemel. Id-dritt ta' *via* kien jinkludi d-dritt li wieħed jgħaddi bil-mixi jew b'vettura, u li jgħaddi l-bhejjem. Is-servitù ta' *acquae ductus* seta' jinkludi wkoll id-dritt li wieħed jieħu l-ilma minn għajn. Il-kategoriji l-oħrajn ta' servitujiet rurali kienu jinkludu d-dritt li jinsqew il-bhejjem u li dawn jitħallew jirgħu, li jittieħed l-ilma kif ukoll it-tfittxija ta' minerali (ara T. Mayer-Maly, *Römisches Recht*, Edizzjoni Nru 2, 1999, p. 97 *et seq.*).

34 — Id-deċiżjoni tar-rinviju tirriproduċi ċerti siltiet mill-istudju tal-impatt (Regulatory Impact Assessment, iktar 'il quddiem: RIA). Issir referenza għall-konsegwenzi agrikoli, il-konsegwenzi ambjentali, il-konsegwenzi għad-dinja rurali kif ukoll għall-konsegwenzi fil-livell reġjonali tar-regoli ta' implementazzjoni Ingliżi.

35 — Ara K. Ditt, "Vom Natur- und Umweltschutz? England 1949 bis 1990", *Natur- und Umweltschutz nach 1945 — Konzepte, Konflikte, Kompetenzen)* (Edizzjoni ta' Franz-Josef Brüggemeier u Jens Ivo Engels), 2005, p. 39, li josserva li l-leġiżlazzjoni tal-Ingilterra u ta' Wales dwar il-ħarsien tan-natura sa mis-snin 40 tas-seklu li għadda diġà kienet tiddistingwi bejn ħarsien strett tan-natura għal finijiet xjentifiċi u ħarsien tan-natura u tal-pajsaġġ għal finijiet estetiċi u turistiċi. Fir-rigward tat-tieni aspett, fit-18 ta' Marzu 1949 il-Parlament Brittaniku kien adotta n-National Parks and Access to the Countryside Act. Din il-liġi kienet tipprovdi, *inter alia,* li l-County Councils għandhom jagħtu lill-popolazzjoni, li tkun qed tfittex li tirrilassa, aċċess għal artijiet mhux maħduma billi jikkonkludu ftehim mas-sidien, jiggarantixxu l-jeddijiet ta' mogħdija qodma u joħolqu jeddijiet ġodda. Minbarra parks naturali, kellhom jinħolqu wkoll Areas of Outstanding Natural Beauty (AONB). Minħabba l-interess dejjem ikbar fl-użu tan-natura u tal-pajsaġġi wara l-gwerra, fit-3 ta' Awwissu 1968, il-Gvern finalment adotta l-Countryside Act. Din tat il-possibbiltà lill-County Councils, bi skambju għal sussidju kbir mill-Istat, li joħolqu Country Parks għall-popolazzjoni li tkun qed tfittex li tirrilassa. Il-Countryside and Rights of Way Act 2000, attwalment fis-seħħ, tirregola l-aċċess tal-pubbliku għaż-żoni rurali; din il-liġi ssemmi wkoll fost il-premessi tagħha għanijiet ta' politika tal-ambjent, fosthom "iż-żamma tas-sbuħija naturali ta' reġjun" u l-"protezzjoni tal-fawna".

tanti tal-mixi jew tat-trekking jibqgħu fuq mogħdijiet indikati sew u ma jirfsux bla bżonn fuq artijiet agrikoli li jmissu magħhom u b'hekk jikkawżaw ħsara għall-uċuh tar-raba'.

81. Għaldaqstant, jeżisti interess pubbliku ġenwin biex dawn il-mogħdijiet pubbliċi jinżammu regolarment fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u jkunu protetti kontra l-ħsara. Peress li l-obbligu ta' manutenzjoni tal-mogħdijiet li fir-rigward tagħhom hemm servitujiet ta' dritt ta' passaġġ pubbliku jissodisfa dan il-għan, dan jista' jiġi kklassifikat fost il-miżuri intiżi biex "[jiġi] evita[t i]t-taħsir tal-ambjenti naturali" fis-sens tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

3. Konklużjonijiet

82. Fil-qosor, għandu jiġi konkluż li l-Artikolu 5(1) u l-Anness IV tar-Regolament Nru 1782/2003 jħallu lill-Istati Membri setgħa diskrezzjonali wiesgħa biex jiddefinixxu r-rekwiżiti minimi għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba [36].

83. Ir-rekwiżiti minimi fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet jinkludu wkoll dawk li għandhom essenzjalment għan tal-politika ambjentali. Il-manutenzjoni ta' mogħdijiet li fir-rigward tagħhom hemm servitujiet ta' dritt ta' passaġġ pubbliku jaqgħu taħt din il-kategorija ta' rekwiżiti minimi, b'mod speċjali peress li, minn naħa, mill-Anness IV jirriżulta li ż-żamma tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ, jiġifieri li dawn ma jitneħħewx, tagħmel parti mill-istandards stabbiliti. Diġà wrejt li l-mogħdijiet pubbliċi huma karatteristiċi tal-pajsaġġ fis-sens ta' din id-dispożizzjoni [37].

84. Min-naħa l-oħra, obbligu legali bħal dak previst mir-regoli ta' implementazzjoni Ingliżi jiggarantixxi livell ta' manutenzjoni minima fis-sens tal-Anness IV waqt li jimpedixxi t-taħsir tal-ambjenti naturali [38].

85. Il-manutenzjoni tal-mogħdijiet pubbliċi, li hija kundizzjoni minima ddefinita fuq livell reġjonali fis-sens tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, b'hekk tidħol fil-qafas stabbilit mill-Anness IV. Barra minn hekk, xejn ma jindika li din il-miżura hija sproporzjonata fiha nfisha meta mqabbla mal-għan imfittex li l-art agrikola kollha tinżamm f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba. L-użu ta' "kriterji li huma proporzjonali, oġġettivi u gradwali", preskritt fil-Premessa 2 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, jirrigwarda d-deċiżjoni li tiġi sospiża l-għajnuna li l-Istat Membru huwa mwassal li jieħu każ b'każ u li fir-rigward tagħha, skont il-każ, il-qorti nazzjonali kompetenti għandha tiddeċiedi dwar ir-regolarità. Finalment, għandu

36 — Ara l-punt 57 ta' dawn il-konklużjonijiet.

37 — Ara l-punt 72 ta' dawn il-konklużjonijiet.

38 — Ara l-punti 77 u 81 ta' dawn il-konklużjonijiet.

jiġi osservat li, skont din il-Premessa 2, tali sospensjoni għandha tkun bla ħsara għassanzjonijiet previsti minn dispożizzjonijiet Komunitarji jew nazzjonali oħrajn.

86. Għaldaqstant, ir-regoli ta' implementazzjoni Ingliżi jaqgħu taħt il-qafas leġiżlattiv stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

87. Huwa għalhekk li r-risposta għall-ewwel domanda preliminari għandha tkun li Stat Membru għandu d-dritt jintegra fl-istandards tiegħu ta' kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba skont l-Artikolu 5(1) u l-Anness IV tar-Regolament Nru 1782/2003, rekwiżiti dwar il-manutenzjoni ta' mogħdijiet li fir-rigward tagħhom hemm servitujiet ta' dritt ta' passaġġ pubbliku.

B — *Fuq it-tieni domanda*

88. Fit-tieni domanda tagħha, il-qorti tarrinviju essenzjalment tixtieq tkun taf jekk il-projbizzjoni ġenerali ta' diskriminazzjoni taħt id-dritt Komunitarju tipprekludix, fi ħdan Stat Membru, implementazzjoni reġjonali differenti tad-dritt Komunitarju dwar il-kundizzjoni agrikola u ekoloġika tajba fissens tal-Artikolu 5(1) u tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, meta d-dispożizzjonijiet kostituzzjonali nazzjonali ta' dan l-Istat jipprevedu li diversi awtoritajiet reġjonali għandhom kompetenzi leġiżlattivi f'dak li jirrigwarda t-territorji rispettivi tagħhom.

1. L-implementazzjoni diċentralizzata tad-dritt Komunitarju

89. Fil-fehma tiegħi huwa imperattiv, qabel ma nanalizza l-ksur allegat mill-rikorrent talprojbizzjoni ġenerali ta' diskriminazzjoni taħt id-dritt Komunitarju, li niġbed l-attenzjoni għall-fatt li d-dritt Komunitarju ma jipprekludix implementazzjoni diċentralizzata kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali. Dan huwa spjegat, minn naħa, mill-ħtiġijiet ta' implementazzjoni diċentralizzata u divrenzjata tal-PAK iżda wkoll mill-awtonomija kostituzzjonali fil-qsim tal-kompetenzi interni li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrikonoxxi lill-Istati Membri fil-ġurisprudenza tagħha.

a) Implementazzjoni diċentralizzata u divrenzjata fil-kuntest tal-PAK

90. Il-linji ġenerali tar-riforma introdotta permezz tal-"Aġenda 2000" jinkludu d-diċentralizzazzjoni tal-kompetenzi tal-Komunità fil-livell lokali u programmar flessibbli permezz ta' għażla wiesgħa ta' miżuri li jistgħu jiġu implementati skont il-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri [39]. Fi kliem ieħor, id-diċentralizzazzjoni u d-divrenzjar issa jikkostitwixxu l-pilastri tal-PAK [40].

91. Ir-Regolament Nru 1782/2003 jittrasponi dan il-kunċett politiku billi fl-Artikolu 5(1) jawtorizza espressament lill-Istati Membri jiddefinixxu r-rekwiżiti minimi "fuq livell nazzjonali jew reġjonali". Minn dan jista' jiġi konkluż li l-leġiżlatur Komunitarju ma dehrlux li kien neċessarju li f'kull Stat Membru jkun hemm approċċ regolatorju uniformi iżda l-ħsieb tiegħu pjuttost kien li jħalli lil kull Stat Membru l-għażla fir-rigward tal-livell regolatorju adegwat fi ħdan is-sistema politika tiegħu.

92. L-organizzazzjoni diċentralizzata taddritt agrikolu tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li differenzi reġjonali huma għal kollox permessi. B'ħekk, l-Artikolu 33(2)(a) KE ġustament jeħtieġ li jiġu kkunsidrati, fit-tfassil tal-PAK u tal-metodi speċifiċi li għandhom jiġu applikati għal dan il-għan, differenzi strutturali u naturali bejn id-diversi reġjuni agrikoli. Il-marġni ta' diskrezzjoni mogħtija mir-Regolament Nru 1782/2003 lill-awtoritajiet reġjonali għall-implementazzjoni tiegħu tikkontribwixxi wkoll għal divrenzjar li jikkorrispondi għall-ħtiġijiet ta' kull reġjun [41].

39 — Ara l-fuljett ta' tagħrif tal-Kummissjoni "Aġenda 2000 — Tishiħ u tkabbir tal-Unjoni Ewropea " (li jinsab bl-Ingliż fuq http://ec.europa.eu.agenda2000/index_en.htm). Hemm indikat ukoll, fil-motivazzjoni tal-Aġenda 2000, li: "fil-ħmistax-il pajjiż tal-Unjoni, l-agrikoltura hija divrenzjata ħafna f'dak li jirrigwarda r-riżorsi naturali, il-metodi agrikoli, il-kompetittività u d-dħul, kif ukoll it-tradizzjonijiet. Id-diversità hija waħda mill-punti ta' saħħa tal-agrikoltura Ewropea, li tagħtiha l-karattru uniku u l-kwalità tagħha. Madankollu, sabiex jinkiseb benefiċċju ikbar minnha, din id-diversità teħtieġ li jkun hemm konsegwenzi fuq il-politika agrikola — il-funzjonament u l-ġestjoni attwali tal-PAK kienu ġew imfassla għal Komunità b' sitt pajjiżi u dawn ftit li xejn ġew mibdula sussegwentement. Din m'għadhiex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' Unjoni b' 15-il Stat Membru, li qed tħejji biex tilqa' membri ġodda. Din saret kumplessa u burokratika, u fl-aħħar mill-aħħar, ma tinftiehemx sew mill-bdiewa. Għaldaqstant jeħtieġ li jiġi żviluppat mudell ġdid i*ktar diċentralizzat* li jagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jirregolaw huma stess ċerti kwistjonijiet billi jikkunsidraw b'mod aħjar il-karatteristiċi partikolari tad-diversi setturi jew tal-kundizzjonijiet lokali" (COM(1998) 158 finali, p. 3).

40 — Ara wkoll R. Priebe, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 17), p. 1351, u V. Adam, *op. cit*, (nota ta' qiegħ il-paġna 9), p. 239.

41 — C. Boch, "Devolution and Community Law", *A true European*, 2005, p. 54, jirrimarka li l-awtoritajiet diċentralizzati qed ikollhom jindirizzaw dejjem iktar kwistjonijiet fejn il-leġiżlatur Komunitarju jistabbilixxi d-direzzjonijiet politiċi essenzjali. Dan jirrigwarda wkoll sitwazzjonijiet fejn dawn l-awtoritajiet diċentralizzati għandhom marġni ta' diskrezzjoni. Dan il-marġni ta' diskrezzjoni jpoġġihom ukoll f'pożizzjoni li jieħdu inkunsiderazzjoni differenzi reġjonali jew lokali.

93. Kunsiderazzjonijiet oħrajn, fosthom il-fatt li l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali jinsabu iktar qrib is-suġġett u ċ-ċittadini [42], is-simplifikazzjoni ġuridika kif ukoll ir-rieda li jittaffa l-piż fuq l-amministrazzjonijiet ċentrali jimmilitaw favur applikazzjoni diċentralizzata tad-dritt agrikolu kemm-il darba jibqgħu jiġu osservati l-għanijiet tal-Komunità fil-kuntest tal-PAK.

94. Kunsiderazzjoni li hija wkoll importanti hija li organizzazzjoni diċentralizzata tad-dritt agrikolu tieħu inkunsiderazzjoni l-importanza dejjem ikbar tar-reġjuni fi ħdan l-Unjoni Ewropea, li hija espressa, pereżempju, mill-kristallizzazzjoni tal-prinċipju ta' sussidjarjetà fit-Trattat ta' Maastricht, il-ħolqien tal-Kumitat tar-Reġjuni, ir-responsabbiltà tar-reġjuni fl-implementazzjoni tad-dritt Komunitarju u l-possibbiltà ta' rappreżentazzjoni fil-Kunsill prevista fl-Artikolu 203 KE. Din tikkunsidra wkoll l-aspirazzjonijiet diċentralizzati fi Stati Membri bħar-Renju Unit, li jsegwu loġika politika pjuttost simili [43], li tissuġġerixxi konverġenza fl-iżviluppi fil-livell Komunitarju u dak nazzjonali [44].

b) L-awtonomija tal-Istati Membri fil-qsim tal-kompetenzi interni

95. L-implementazzjoni diċentralizzata tad-dritt Komunitarju hija, finalment, konformi

42 — Dan huwa ta' mill-inqas konformi mal-kunċett ta' sussidjarjetà, mingħajr mhu meħtieġ li tiġi invokata l-applikabbiltà tal-Artikolu 5(2) KE, peress li l-prinċipju ta' sussidjarjetà previst minn din id-dispożizzjoni ma japplikax f'każ ta' kompetenza esklużiva tal-Komunità. Il-ġuristi ma jaqblux dwar safejn il-kompetenza tal-Komunità hija esklużiva fil-qasam agrikolu (ara f'dan ir-rigward W. Schwartz, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 4), Artikolu 37, punt 7, p. 38). Anki fl-ipoteżi li l-Komunità u l-Istati Membri għandhom kompetenzi konġunti (ara s-sentenza tas-17 ta' Mejju 1990, Weingut Dietz-Matti (C-158/89, Ġabra p. I-2013)), id-densità regolatorja eżistenti u li dejjem qed tiżdied fis-settur agrikolu kif ukoll il-fatt li prattikament ir-regoli bażiċi kollha huma stabbiliti permezz ta' regolamenti, ma jħallux wisq marġni ta' diskrezzjoni lill-Istati Membri. Min-naħa l-oħra, il-prinċipju ta' sussidjarjetà, kif jindikaw ġustament K. Lenaerts, u P. Van Nuffel, f'*Constitutional Law of the European Union*, Edizzjoni Nru 2, Londra 2005, punt 5-029, p. 102, huwa eqdem, bħala prinċipju politiku, mir-regola tal-Artikolu 5(2) KE, u għaldaqstant diġà influwenza diversi setturi tal-politika tal-Komunità, fosthom il-PAK, qabel ma ġie kkristallizzat fit-Trattat.

43 — Ara P. Leyland, "La devolution britannica, responsabilitá e controlli", *Unione europea e autonomie regionali — Prospettive per una Costituzione europea*, Turin 2003, p. 91 *et seq.*, li jispjega li l-qsim il-ġdid tal-kompetenzi, magħruf bħala "devolution", bejn ir-reġjuni tar-Renju Unit essenzjalment huwa intiż biex jimmodernizza l-Istat bħala amministrazzjoni bil-għan li ċ-ċittadin jitpoġġa iktar qrib tal-post fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet importanti. Barra minn hekk, dan l-iżvilupp huwa intiż sabiex jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi partikolari ta' kull reġjun.

44 — A. Torre, "Uno Stato a geometria variabile. Asimmetrie della politica, delle istituzioni e dei diritti nella devolution del Regno Unito", *Unione europea e autonomie regionali — Prospettive per una Costituzione europea*, Turin, p. 144 *et seq.*, jitkellem dwar konverġenza bejn id-"devolution" fir-Renju Unit u l-proċess ta' kostituzzjonalizzazzjoni tal-Unjoni Ewropea, li jħeġġeġ l-awtonomija tal-persuni ġuridiċi reġjonali kbar. P. Birkinshaw, f'" Devolution in the United Kingdom: Processes, problems and consequences for the UK constitution", *l'Europa tra federalismo e regionalismo*, Milan 2003, p. 67, jisħaq dwar il-fatt li d-"dévolution" fir-Renju Unit seħħet fi żmien meta r-reġjuni kisbu iktar importanza fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

mal-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja [45] li abbażi tagħha kull Stat Membru huwa liberu li jaqsam il-kompetenzi interni, inklużi dawk leġiżlattivi, b'mod li jidhirlu li jkun xieraq u li jeżegwixxi l-atti Komunitarji li ma jkunux direttament applikabbli permezz ta' miżuri meħuda mill-awtoritajiet reġjonali jew lokali, kemm-il darba dan il-qsim ta' kompetenzi jippermetti eżekuzzjoni regolari tal-atti inkwistjoni. Il-kwistjoni dwar liema awtorità, fl-Istati Membri, għandha tittrasponi, pereżempju direttiva, hija b'hekk irregolata mhux mid-dritt Komunitarju iżda mir-regoli interni ta' kompetenza ta' kull Stat Membru [46].

96. Il-kontroparti ta' din in-newtralità tas-sistema legali Komunitarja fir-rigward tal-organizzazzjoni strutturali tal-Istati Membri tikkonsisti min-naħa l-oħra fil-fatt li, inkwantu Stat Membru għandu d-dritt jaqsam il-kompetenzi interni tiegħu hekk kif jidhirlu li jkun xieraq u skont kif tippreskrivi s-sistema kostituzzjonali tiegħu, huwa ma jistax juża l-proċeduri interni tiegħu bħala skuża biex ma jwettaqx l-obbligi Komunitarji tiegħu [47].

97. Huwa minnu li t-Trattat, fl-Artikolu 249 (3) KE, jipprevedi sistema ta' traspożizzjoni jew ta' implementazzjoni diċentralizzata tad-dritt Komunitarju biss fil-każ ta' direttivi. Madankollu din is-sistema tapplika wkoll għat-traspożizzjoni jew l-implementazzjoni ta' atti Komunitarji oħrajn, bħar-regolament, meta l-intervent tal-leġiżlatur nazzjonali huwa neċessarju biex jagħtihom effett konkret [48]. Ir-Regolament Nru 1782/2003, kif diġà kkonstatajt [49], jaqa' taħt din il-kategorija ta' atti Komunitarji.

45 — Sentenzi tat-12 ta' Ġunju 2003, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-97/01, Ġabra p. I-5797, punt 37); tat-13 ta' Settembru 2001, Il-Kummissjoni vs Spanja, tal-10 ta' Novembru 1992, Hansa Fleisch (C-156/91, Ġabra p. I-5567, punt 23); tat-28 ta' Frar 1991, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-131/88, Ġabra p. I-825, punt 71); tal-14 ta' Jannar 1988, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (227 sa 230/85, Ġabra p. 1, punt 9) u tal-25 ta' Mejju 1982, Il-Kummissjoni vs L-Olanda (97/81, Ġabra p. 1819, punt 12, u 96/81, Ġabra p. 1791, punt 12). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston tat-28 ta' Ġunju 2007 fil-kawża Gouvernement de la Communauté française u gouvernement wallon (C-212/06, Ġabra 2008, p. I-1683, punt 101), kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer tal-10 ta' Diċembru 2002 fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-103/01, Ġabra 2003, p. I-5369, punt 27).

46 — Fl-istess sens: M. Ruffert, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 18), Artikolu 249, punt 63, p. 2140.

47 — Dan juri l-oriġini tas-sistema legali Komunitarja — rikonoxxuta wkoll mill-Qorti tal-Ġustizzja — fil-*jus gentium* (ara s-sentenzi tal-5 ta' Frar 1963, Van Gend u Loos [26/62, Ġabra p. 25] u tal-15 ta' Lulju 1964, Costa vs ENEL [6/64, Ġabra p. 1269]). Il-*jus gentium* jirregola biss ir-relazzjonijiet bejn l-Istati, mingħajr ma jidħol fl-affarijiet interni tagħhom. Din hija r-raġuni għalfejn, u fid-dawl tal-prinċipju ta' sovranità tal-Istati, il-kwistjonijiet dwar l-organizzazzjoni tal-Istati ma jaqgħux taħt il-portata tiegħu. Għaldaqstant huwa konformi mal-prinċipju tal-*jus gentium* konswetudinali, li ġie kkodifikat mill-Artikolu 27 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar id-Dritt tat-Trattati, li stat kontraenti ma jistax jinvoka d-dritt nazzjonali tiegħu biex ma jeżegwixxix trattat internazzjonali. Kif jispjega wkoll ġustament C. Boch, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 41), p. 54, it-Trattati UE u KE huma, mill-perspettiva formali, ftehim internazzjonali li jorbtu lill-Istati Membri. Il-fatt li l-Istati Membri huma l-partijiet kontraenti jfisser fir-rigward tal-Unjoni li s-sistemi kostituzzjonali interni tal-Istati m'għandhomx jiġu kkunsidrati. Il-kwistjonijiet interni ma jikkonċernawx lill-Unjoni li, bħala regola ġenerali, għandha tibqa' newtrali fir-rigward tal-qsim intern tal-kompetenzi.

48 — Ara s-sentenzi tas-17 ta' Diċembru 1970, Scheer (30/70, Ġabra p. 1197, punt 10) u tal-20 ta' Ottubru 1981, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (137/80, Ġabra p. 2393, punti 3 sa 9). Ara wkoll fl-istess sens K. Lenaerts / P. Van Nuffel, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 42), punt 14-047, p. 607.

49 — Ara l-punt 58 ta' dawn il-konklużjonijiet.

98. Għaldaqstant, mhuwiex kuntrarju għaddritt Komunitarju l-fatt li d-dispożizzjonijiet kostituzzjonali interni ta' Stat Membru jipprevedu li diversi awtoritajiet diċentralizzati għandhom kompetenzi leġiżlattivi għal ċerti partijiet mit-territorju tal-Istat Membru u li dawn l-awtoritajiet, skont il-kompetenzi regolatorji assenjati lilhom, jiddefinixxu huma stess il-kriterji għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba fis-sens tal-Artikolu 5(1) u tal-Anness IV tar-Regolament Nru 1782/2003.

2. L-ilment ta' ksur tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni

99. Il-projbizzjoni Komunitarja ta' kull diskriminazzjoni li tinsab fl-Artikolu 34(2) KE, li fuqha bla dubju ta' xejn ir-rikorrent qed jibbaża ruħu [50], hija espressjoni speċifika tal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza li jifforma parti mill-prinċipji fundamentali tad-dritt Komunitarju u li abbażi tiegħu sitwazzjonijiet paragunabbli m'għandhomx jiġu ttrattati b'mod differenti u sitwazzjonijiet differenti m'għandhomx jiġu ttrattati bl-istess mod, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat [51].

100. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri huma obbligati josservaw il-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 34 (2) KE, meta huma jittrasponu leġiżlazzjoni Komunitarja, anki meta din il-leġiżlazzjoni tagħtihom l-għażla bejn diversi modi ta' implementazzjoni jew diversi alternattivi [52]. Il-projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni, bħala dispożizzjoni legali oġġettiva, b'hekk tapplika mhux biss għal-leġiżlatur Komunitarju, li lilu

50 — Fir-risposta tiegħu, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali jirreferi biss għall-prinċipji ġenerali ta' non-diskriminazzjoni u ta' ugwaljanza, iżda jirreferi madankollu għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Artikolu 34(2) KE. Issa, l-Artikolu 34(2) KE biss huwa applikabbli għal din il-kawża. Din id-dispożizzjoni tinkludi projbizzjoni speċifika ta' diskriminazzjoni li ma tapplikax biss għall-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli iżda wkoll għall-PAK fit-totalità tagħha (fl-istess sens, ara wkoll W. Schwartz, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 4), Artikolu 34, punt 30, p. 34).

51 — Ara s-sentenzi tat-23 ta' Ottubru 2007, Il-Polonja vs Il-Kunsill (C-273/04, Ġabra p. I-825, punt 86); tat-22 ta' Ġunju 2006, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-182/03, Ġabra p. I-5479, punt 170); tat-30 ta' Marzu 2006, Spanja vs Il-Kunsill (C-87/03 et C-100/03, Ġabra p. I-2915, punt 48; tas-6 ta' Marzu 2003, Niemann (C-14/01, Ġabra p. I-2279, punt 49); tat-13 ta' April 2000, Karlsson *et* (C-292/97, Ġabra p. I-2737, punt 39); tal-10 ta' Marzu 1998, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-122/95, Ġabra p. I-973, punt 62); tas-17 ta' April 1997, EARL de Kerlast (C-15/95, Ġabra p. I-1961, punt 35); tas-17 ta' Ottubru 1995, Fishermen's Organisations *et* (C-44/94, Ġabra p. I-3115, punt 46); tal-10 ta' Jannar 1992, Kühn (C-177/90, Ġabra p. I-35, punt 18); tal-20 ta' Settembru 1988, Spanja vs Il-Kunsill (203/86, Ġabra p. 4563, punt 25); tal-25 ta' Novembru 1986, Klensch (201 u 202/85, Ġabra p. 3477, punt 9); tas-27 ta' Marzu 1980, Salumi *et* (66/79, 127/79 u 128/79, Ġabra p. 1237, punt 14); tad-19 ta' Ottubru 1977, Ruckdeschel u Ströh (117/76 u 16/77, Ġabra p. 1753, punt 7) kif ukoll Moulins et huileries de Pont-à-Mousson u Providence agricole de la Champagne (124/76 u 20/77, Ġabra p. 1795, punt 16); tal-25 ta' Ottubru 1978, Koninklijke Scholten-Honig u De Bijenkorf (125/77, Ġabra p. 1991, punt 26), u Royal Scholten-Honig u Tunnel Refineries (103/77 u 145/77, Ġabra p. 2037, punt 26), kif ukoll il-konklużjonijiet tiegħi tal-4 ta' Settembru 2008 fil-kawża Il-Kummissjoni vs Spanja (C-338/06, Ġabra 2008, p. I-10139, punt 57).

52 — Sentenza Klensch (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 51, punt 10), u s-sentenza tal-14 ta' Lulju 1994, Graff (C-351/92, Ġabra p. I-3361, punti 17 u 18).

tirrigwarda fl-ewwel lok, iżda wkoll għall-Istati Membri, inkwantu dawn jaġixxu, pereżempju, bis-saħħa ta' awtorizzazzjoni mogħtija minn regolament Komunitarju jew għall-implementazzjoni tiegħu [53].

101. L-applikabbiltà tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni taħt id-dritt Komunitarju fl-ewwel lok tippresupponi, fuq il-livell ġuridiku, l-eżistenza ta' trattament mhux ugwali, li jagħti lok għad-domanda dwar il-kuntest ta' riferiment rilevanti. Dan il-kuntest ta' riferiment jinkludi, *inter alia,* iċ-ċirku ta' persuni li jistgħu jiġu inklużi fil-paragun [54].

a) Il-kuntest ta' riferiment rilevanti għall-evalwazzjoni ta' trattament mhux ugwali

i) Applikazzjoni tal-kriterji ta' selettività fid-dritt tal-għajnuna

102. Kif jispjega ġustament il-Gvern Ġermaniż, il-kuntest ta' riferiment biex jiġi evalwat trattament mhux ugwali f'każ konkret mhuwiex neċessarjament definit fi ħdan il-limiti ta' Stat Membru iżda jista' jkun limitat għal parti mit-territorju tiegħu.

103. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà stabbilixxiet dan il-fatt fil-qasam tad-dritt tal-għajnuna fis-sentenza tagħha Il-Portugall vs Il-Kummissjoni [55], li kienet tirrigwarda l-kwistjoni jekk tnaqqis ta' taxxa limitat reġjonalment setax jitqies bħala għajnuna mill-Istat intiża biex "tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi" fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE, jiġifieri jekk dan it-tnaqqis kienx ta' natura selettiva.

104. Kif spjegat il-Qorti tal-Ġustizzja f'din is-sentenza, l-Artikolu 87(1) KE jeħtieġ, fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-kriterju ta' selettività, li jaqa' taħt il- kunċett ta' għajnuna mill-Istat, li jiġi stabbilit jekk, fil-kuntest ta' leġiżlazzjoni partikolari, miżura nazzjonali hijiex tali li tiffavorixxi "ċerti impriżi jew ċerti produtturi" li, fid-dawl tal-għan imfittex mill-imsemmija leġiżlazzjoni, jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika komparabbli [56]. Fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, tali analiżi għandha ssir ukoll fir-rigward ta' miżura adottata, mhux mil-leġiżlatur nazzjonali, iżda minn awtorità infrastatali, peress li

53 — Fl-istess sens: T. Van Rijn, *Vertrag über die Europäische Union und Vertrag zur Gründung der Europäischen Gemeinschaft — Kommentar* (Edizzjoni ta' Groeben/Schwarze), Volum 1, Edizzjoni Nru 6., Artikolu 34 KE, punt 59.

54 — Sentenzi tas-6 ta' Diċembru 2007, Voß (C-300/06, Ġabra p. I-10573, punt 40), u tat-13 ta' Jannar 2004, Allonby (C-256/01, Ġabra p. I-873, punti 61 u 73).

55 — Sentenza tas-6 ta' Settembru 2006, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni (C-88/03, Ġabra p. I-7115, punt 57).

56 — Sentenzi Il-Portugall vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 55, punt 54); tat-3 ta' Marzu 2005, Heiser (C-172/03, Ġabra p. I-1627, punt 40); tad-29 ta' April 2004, GIL Insurance *et* (C-308/01, Ġabra p. I-4777, punt 68) u tat-8 ta' Novembru 2001, Adria-Wien Pipeline u Wietersdorfer & Peggauer Zementwerke (C-143/99, Ġabra p. I-8365, punt 41).

miżura adottata minn awtorità reġjonali u mhux mill-Istat ċentrali tista' tikkostitwixxi għajnuna jekk ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 87(1) KE [57].

105. Il-Qorti tal-Ġustizzja telqet mill-punt dwar jekk, fis-sistema interna, entità infrastatali għandhiex status fid-dritt u fil-fatt li jagħmilha suffiċjentement awtonoma fil-konfront tal-gvern ċentrali ta' Stat Membru sabiex, permezz tal-miżuri li hija tadotta, tkun din l-entità, u mhux il-gvern ċentrali, li jkollha rwol fundamentali fid-definizzjoni talkamp ta' azzjoni politiku u ekonomiku talimpriżi [58]. F'każ bħal dan, huwa l-qasam li fih l-entità infrastatali li adottat il-miżura li teżerċita l-kompetenza tagħha u mhux it-territorju nazzjonali kollu li jikkostitwixxi l-kuntest rilevanti sabiex jiġi vverifikat jekk din il-miżura tiffavorixxix ċerti impriżi meta mqabbla ma' oħrajn li jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika komparabbli, fid-dawl talgħan imfittex mill-miżura jew mil-leġiżlazzjoni kkonċernata [59].

106. Jidhirli li huwa raġonevoli li dan il-metodu jiġi applikat għal dan il-każ, peress li l-kriterji applikati mill-Qorti tal-Ġustizzja jgħinu biex tiġi evalwata l-eżistenza ta' sitwazzjoni li, indipendentement mit-terminoloġija speċifika f'dan il-qasam — is-"selettività" fil-każ tad-dritt tal-għajnuna — fl-aħħar mill-aħħar ma tikkostitwixxi xejn għajr trattament mhux ugwali bejn operaturi ekonomiċi.

107. Jekk wieħed japplika dan il-metodu għal dan il-każ, il-kuntest ta' riferiment rilevanti biex tiġi evalwata n-natura diskriminatorja tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni għandu jkun ristrett għal kull waħda mill-partijiet tat-territorju ta' Stat Membru li l-awtoritajiet tagħha għandhom kompetenzi regolatorji tagħhom stess bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet kostituzzjonali fis-seħħ.

108. F'din il-kawża, il-kuntest ta' riferiment għandu jiġi ddefinit bħala l-Ingilterra, bħala parti mit-territorju tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, speċjalment billi l-Gvern ta' dan l-Istat Membru, kif diġà ppreċiżajt fil-bidu [60], bħala regola ġenerali jaġixxi biss għall-Ingilterra fl-oqsma diċentralizzati, skont ir-regoli ta' diċentralizzazzjoni u tal- "Memorandum of Understanding". B'mod konformi mar-regoli interni,

57 — Sentenzi Il-Portugall vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 55, punt 55) u tal-14 ta' Ottubru 1987, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (248/84, Ġabra p. 4013, punt 17).

58 — Sentenzi Il-Portugall vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 55, punt 62). Għaldaqstant għandu jiġi vverifikat jekk hemmx tabilħaqq diċentralizzazzjoni. C. Eisenmann, *Centralisation et décentralisation- Esquisse d'une théorie générale*, Pariġi 1948, p. 86 *et seq*, jiddistingwi bejn diċentralizzazzjoni pura, jiġifieri kompluta, jew diċentralizzazzjoni relattiva jew inkompluta. L-ewwel varjant jinsab meta ċerta azzjoni ta' sovranità titwettaq esklużivament minn korpi diċentralizzati. It-tieni varjant jippresupponi parteċipazzjoni ta' istituzzjonijiet kemm ċentrali kif ukoll diċentralizzati, fejn dawn tal-aħħar ikunu involuti iktar.

59 — Sentenza Il-Portugall vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 55, punt 66).

60 — Ara l-punti 10 sa 13 ta' dawn il-konklużjonijiet. J. Loughlin "The European Dimension of UK Devolution", *La Costituzione britannica/The British Constitution*, 2005, Volum 1, p. 483, ma jeżaminax il-kompetenzi eżekuttivi tal-Gvern tar-Renju Unit, iżda r-rwol tal-leġiżlatur reġjonali. F'dan ir-rigward, huwa jindika li, bl-eċċezzjoni tal-Ingilterra, il-partijiet kostitwenti l-oħrajn kollha tar-Renju Unit (l-Iskozja, Wales u l-Irlanda ta' Fuq) għandhom il-korpi politiċi tagħhom. L-Ingilterra m'għandhiex Parlament jew assemblea konsultattiva tagħha stess. Minflok, il-Parlament Brittaniku jiffunzjona, fl-istess ħin, bħala l-Parlament tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq kif ukoll bħala l-Parlament Ingliż.

huwa għandu l-kompetenza biex jiddefinixxi r-rekwiżiti minimi għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba tal-artijiet skont l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1782/2003. F'dan ir-rigward, fl-istess ħin huwa jeżerċita fil-qasam agrikolu l-kompetenzi ta' gvern reġjonali, komparabbli għall-gvernijiet reġjonali tal-partijiet l-oħrajn tar-Renju Unit.

ii) Identifikazzjoni ta' sors ta' diskriminazzjoni

109. F'każijiet speċifiċi ta' diskriminazzjoni, sabiex tiddefinixxi l-kuntest ta' riferiment rilevanti, il-Qorti tal-Ġustizzja tuża metodu li huwa essenzjalment ibbażat fuq l-istess kunsiderazzjonijiet billi tiffoka fuq is-sors tad-diskriminazzjoni. Skont dan il-metodu, diskriminazzjoni hija eskluża meta d-differenzi kkonstatati, li minnhom jirriżulta trattament mhux ugwali, ma jkunux iwasslu għall-istess sors. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, f'tali każijiet ma jkunx hemm entità responsabbli għat-trattament mhux ugwali u li tista', jekk ikun il-każ, tirrimedja tali nuqqas ta' ugwaljanza [61].

110. Dan il-metodu ġie l-iktar applikat f'sitwazzjonijiet fejn persuni jinvokaw il-prinċipju fundamentali ta' ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, stabbilit fl-Artikolu 141 KE. B'hekk, fil-kawża Allonby [62], il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet ksur tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni f'sitwazzjoni fejn mara li kienet tipprovdi servizzi għal kulleġġ talbet mingħand l-aġenzija li magħha kienet qiegħda taħdem l-istess paga bħall-ħaddiema rġiel ta' dan il-kulleġġ. Il-Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq il-fatt li l-aġenzija, bħala impriża intermedjarja, ma kinitx tikkostitwixxi *stricto sensu* entità ma' min kien qed jimpjega, jiġifieri l-kulleġġ. Il-ħlas għas-servizzi pprovduti b'hekk ma kienx joriġina mill-istess sors finanzjarju [63]. Peress li d-differenzi fil-paga ma setgħux jiġu attribwiti għal sors wieħed, ma setax jiġi invokat l-Artikolu 141 KE.

111. Madankollu, jidhirli li dan il-metodu jista' jiġi applikat fil-każ ta' traspożizzjoni jew implementazzjoni tad-dritt Komunitarju mill-Istati Membri għaliex dan huwa bbażat fuq il-premessa li sempliċi sitwazzjoni ta' nuqqas ta' ugwaljanza ma tistax waħedha tkun ta' bażi għal ilment ta' diskriminazzjoni. Għall-kuntrarju, id-diskriminazzjoni tippresupponi fil-essenza tagħha li n-nuqqas ta'

61 — Sentenza Allonby (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 54, punt 46) u s-sentenza tas-17 ta' Novembru 2002, Lawrence *et* (C-320/00, Ġabra p. I-7325, punt 18).

62 — Sentenza Allonby (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 54, punt 46).

63 — Skont E. Evtimov, "Anmerkung zum Urteil Allonby", *Europäische Zeitschrift für Wirtschaftsrecht*, Cahier 2004, p. 214, din hija r-raġuni kruċjali għall-esklużjoni ta' diskriminazzjoni fit-tali każ.

ugwaljanza jista' jiġi attribwit lill-istess attur [64]. Minn dan neċessarjament isegwi li s-sors ta' diskriminazzjoni bħala regola ġenerali jista' jinstab biss fi ħdan kull awtorità [65] li tippromulga, fi ħdan il-kompetenza territorjali tagħha, miżuri ta' traspożizzjoni jew ta' implementazzjoni li jkunu imposti fuq il-persuni suġġetti għal-liġi li jiddependu minnha. Eventwali differenzi fit-trattament bejn id-destinatarji ta' ċerta leġiżlazzjoni nazzjonali jistgħu jiġu attribwiti biss lil din l-awtorità u jistgħu jitneħħew biss minnha.

112. Minn dan isegwi li differenzi bejn id-diversi leġiżlazzjonijiet nazzjonali ma jikkostitwixxux diskriminazzjoni meta dawn ma jkunux attribwibbli għall-aġir tal-istess awtorità sovrana [66]. Għall-kuntrarju, kull awtorità hija libera li tistabbilixxi r-regoli fl-oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħha, b'mod li s-sempliċi fatt li kwistjoni tkun is-suġġett ta' regoli differenti f'żewġ Stati Membri ma jistax jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni.

113. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ilha tirrikonoxxi dan il-fatt għal żmien twil [67]. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet għall-ewwel darba fis-sentenza Van Dam en Zonen *et* [68] li l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali ma tistax titqies bħala ksur tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni għas-sempliċi raġuni li ċerti Stati Membri allegatament japplikaw regoli inqas stretti.

114. Dan huwa assolutament ċar għaliex interpretazzjoni kuntrarja twassal sabiex tillimita, b'mod li mhux faċilment jista' jiġi ġġustifikat, id-diskrezzjoni leġiżlattiva tal-Istat Membru.

115. L-istess konklużjoni għandha tapplika meta d-dispożizzjonijiet kostituzzjonali nazzjonali ta' Stat Membru jipprevedu li diversi

64 — Ara fl-istess sens S. Plötscher, *Der Begriff der Diskriminierung im Europäischen Gemeinschaftsrecht,* Berlin 2003, p. 48, li jgħid li d-diskriminazzjoni teħtieġ li n-nuqqas ta' ugwaljanza jkun attribwit lil attur wieħed. Sempliċi sitwazzjoni ta' nuqqas ta' ugwaljanza ma tistax fiha nfisha tkun il-bażi għal ilment ta' diskriminazzjoni. Kemm-il darba ma jkunx jista' jiġi stabbilit li, fi ħdan grupp ta' referenza (persuni, oġġetti, etc.), jeżistu ċirkostanzi mhux ugwali, bħal pereżempju sitwazzjonijiet kompetittivi differenti, li jistgħu jiġu attribwiti għall-aġir ta' persuna suġġetta għal-liġi, ma jistax jitqies li hemm diskriminazzjoni. Dan jippresupponi, fi kwalunkwe każ, li n-nuqqas ta' ugwaljanza jista' jiġi attribwit lil destinatarju. Skont H. Zerr, *Der Begriff der Diskrimierung im Vertrag über die Europäischen Gemeinschaft für Kohle und Stah*l, Heidelberg 1961, p. 4, jeħtieġ, biex wieħed ikun jista' jitkellem dwar trattament mhux ugwali, li ta' mill-inqas żewġ manifestazzjonijiet ta' aġir ikunu attribwiti lill-istess persuna.

65 — A. Von Bogdandy, fi Grabitz/Hilf, *Das Recht der Europäischen Union*, Munich 2008, Volum I, Artikolu 12, punt 9, jirrimarka li diskriminazzjoni hija possibbli biss jekk iż-żewġ sitwazzjonijiet imqabbla huma rregolati mill-istess awtorità. Minn dan isegwi li ksur tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni hija eskluża meta jkun hemm nuqqas ta' trattament ugwali li jirriżulta mill-koinċidenza ta' regoli adottati minn awtoritajiet differenti, b'mod partikolari l-Unjoni u Stat Membru. Interpretazzjoni kuntrarja twassal biex tillimita, b'mod li mhux faċilment jista' jiġi ġġustifikat, id-diskrezzjoni leġiżlattiva tal-Istat Membru.

66 — Ara wkoll A. Epiney, f'*EUV/EGV Kommentar* [Edizzjoni ta' C. Callies /M. Ruffert], Artikolu 12, punt 9, p. 480) u M. Holoubek, *EU-Kommentar, op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 15), Artikolu 12, punt 43, p. 342 *et seq*.

67 — Ara s-sentenzi tat-13 ta' Frar 1969, Walt Wilhelm (14/68, Ġabra 1969, p. 1, punt 13); tat-28 ta' Ġunju 1978, Kenny (1/78, Ġabra p. 1489, punt 18); tat-30 ta' Novembru 1978, Bussone (31/78, Ġabra p. 2429, punti 38 *et seq.*), tas-7 ta' April 1979, Auer (136/78, Ġabra p. 437, punti 23 sa 26); tat-3 ta' Lulju 1979, Van Dam en Zonen *et* (185 à 204/78, Ġabra p. 2345, punt 10), tal-14 ta' Lulju 1981, Oebel (155/80, Ġabra p. 1993, punt 9); tal-25 ta' Jannar 1983, Smit (126/82, Ġabra p. 73, punt 27); tas-7 ta' Mejju 1992, Wood u Cowie (C-251/90 u C-252/90, Ġabra p. I-2873, punt 19); tal-24 ta' Novembru 1993, Keck u Mithouard (C-267/91 u C-268/91, Ġabra p. I-6097, punt 8); tal-14 ta' Frar 1995, Schumacker (C-279/93, Ġabra p. I-225, punt 21), u tal-1 ta' Frar 1996, Perfili (C-177/94, Ġabra p. I-161, punt 17).

68 — Sentenza Van Dam en Zonen *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 67, punt 10). Din il-ġurisprudenza ġiet segwita fis-sentenzi kollha ċċitati fil-punt 67, Oebel (punt 9), Smit (punt 27), Wood u Cowie (punt 19) u Perfili (punt 17).

awtoritajiet diċentralizzati għandhom kompetenzi regolatorji għal partijiet differenti tat-territorju ta' dan l-Istat [69], speċjalment billi d-dritt Komunitarju, kif diġà rajna, ma jipprekludix traspożizzjoni jew implementazzjoni fil-livell reġjonali jew lokali [70], anzi saħansitra jeħtieġ li jsir hekk, fil-każ tar-Regolament Nru 1782/2003, bil-għan li tinkiseb implementazzjoni divrenzjata tal-PAK [71]. Minn dan isegwi li, f'tali każ, l-awtorità ta' kull reġjun biss tista' eventwalment tkun is-sors ta' trattament mhux ugwali.

b) Konklużjonijiet

116. Dan il-metodu b'hekk iwassal ukoll għall-konklużjoni li, f'din il-kawża, il-kuntest ta' riferiment rilevanti għandu jkun limitat għall-Ingilterra, bħala parti mit-territorju tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq. Dan ifisser, f'każ bħal dan li għandna quddiemna, li għalkemm sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' ugwaljanza jistgħu ċertament jinħolqu f'partijiet differenti tat-territorju tar-Renju Unit, dawn is-sitwazzjonijiet madankollu ma jistgħux jirriżultaw fi trattament mhux ugwali imputabbli għall-istess awtorità, li jikkostitwixxi kundizzjoni preliminari essenzjali għall-applikazzjoni tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni tal-Artikolu 34(2) KE.

117. Konsegwentement, id-destinatarju ta' miżura ta' implementazzjoni meħuda minn awtorità reġjonali ma jistax, f'ċirkustanzi bħal dawk ta' din il-kawża, jallega ksur tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni taħt l-Artikolu 34(2) KE, għas-sempliċi raġuni li ċerti reġjuni allegatament japplikaw regoli inqas stretti.

118. Finalment nikkonkludi li m'hemmx diskriminazzjoni inammissibbli meta, fid-diversi partijiet tat-territorju ta' Stat Membru — sakemm ir-regoli kostituzzjonali nazzjonali jipprevedu li d-diversi awtoritajiet diċentralizzati għandhom kompetenzi leġiżlattivi għad-diversi partijiet ta' dan it-territorju, japplikaw standards differenti ta' kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba skont l-Artikolu 5(1) u tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

69 — Ara l-vot dissidenti tal-Imħallef Matscher fis-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-22 ta' Ottubru 1981, Dudgeon vs Ir-Renju Unit (Kawża Nru 7525/76), fejn huwa jispjega li l-multipliċità tal-leġiżlazzjonijiet infrastatali, li hija karatteristika ta' Stat federali, fiha nfisha qatt ma tista' tikkostitwixxi diskriminazzjoni. Għaldaqstant lanqas mhuwa neċessarju li tiġi ġġustifikata din il-multipliċità. Jekk jiġi asserit il-kuntrarju tkun qed tiġi totalment injorata l-essenza tal-federaliżmu.

70 — Ara l-punt 98 ta' dawn il-konklużjonijiet. C. Boch, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 41), p. 57, jasal għall-istess konklużjoni. L-awtur jikkunsidra li, jekk id-dritt Komunitarju jagħti lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni u d-dritt kostituzzjonali ta' Stat Membru jipprevedi traspożizzjoni jew implementazzjoni minn awtoritajiet diċentralizzati, xejn ma jimpedixxi lil dawn l-awtoritajiet milli jeżerċitaw is-setgħat tagħhom indipendentement minn xulxin. Fir-rigward tad-"devolution" fir-Renju Unit, l-awtur jikkunsidra li r-reġjuni ta' dan l-Istat Membru huma għal kollox intitolati jwettqu l-obbligi Komunitarji tagħhom b'dan il-mod, kif diġà seħħ fil-kuntest tal-PAK.

71 — Ara l-punti 90 u 93 ta' dawn il-konklużjonijiet.

VIII — Konklużjoni

119. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet mogħtija hawn fuq, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari tal-High Court of Justice (England & Wales):

1. Stat Membru jista' jinkludi rekwiżiti dwar il-manutenzjoni ta' mogħdijiet li fir-rigward tagħhom hemm servitujiet ta' dritt ta' passaġġ pubbliku fost il-kriterji tal-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba skont l-Artikolu 5(1) u l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

2. M'hemmx diskriminazzjoni inammissibbli meta, fid-diversi partijiet tat-territorju ta' Stat Membru — sakemm ir-regoli kostituzzjonali nazzjonali jipprevedu li d-diversi awtoritajiet diċentralizzati għandhom kompetenzi leġiżlattivi għad-diversi partijiet ta' dan it-territorju, japplikaw standards differenti ta' kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba skont l-Artikolu 5(1) u l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.